*Ugo Mifsud Bonnici*

Lill-Onorevoli *Speaker*,
Kamra tad-Deputati,
Il-Palazz,
Valletta.

31 ta' Jannar 2001.

Għażiż u Onorevoli *Speaker*,

1. Minn mindu is-*sette giugno* ġiet dikjarata festa Nazzjonali marbuta mal-apprezzament tal-ogħla Istituzzjoni tal-pajjiż, il-Presidenti tal-Kamra tad-Deputati, fid-diskors kommemorattiv quddiem il-monument ta' dik il-grajja fil-Pjazza tal-Palazz, ħadu l-okkasjoni biex jitkellmu fuq il-mod kif jistgħu jiġu mtejba l-proċeduri parlamentari. Inti segwejt f'dan il-passi tal-predeċessuri tiegħek. Fis- 7 ta' Ġunju 2000 inti tkellimt bl-istess ħsieb u ħabbart li sejjer tinkariga lili biex nirrivedi l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, bil-ħsieb

> " *li din ir-reviżjoni twassal ghal andament aħjar tax-xogħol parlamentari*",

kif ktibtli fl-ittra tiegħek ta' l-istess ġurnata. Fl-10 ta' l-istess xahar, ktibtlek biex nirringrazzjak tal-fiduċja u biex nikkonferma li aċċettajt l-inkarigu. Nifhem sewwa x-xewqa tiegħek li x-xogħol parlamentari jitwettaq bl-aħjar mod possibbli. Il-ħajja demokratika ta' Malta teħtieġ li l-Parlament tagħna jiffunzjona sewwa. Il-kompetittivita' tagħna bħala nazzjon kemm fil-kwadru regjonali, jew kontinentali, kif ukoll f'dak globali, tiddependi wkoll minn kemm il-Parlament tagħna jkun kapaċi jirkeb l-isfida li jiffissa fi żmien utli, kif ukoll li jbiddel, malli jkun hemm il-bżonn, in-normi tal-ħajja ċivili, barra milli jikkontrolla tajjeb, u jqiegħed taħt skrutinju kontinwu l-amministrazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' l-Esekuttiv. Ħadna ħsieb li naraw li l-Kamra tkun verament rappresentattiva tal-poplu sovran. Iżda kemm l-effiċjenza, kif ukoll it-tempestivita' huma wkoll vitali, u kull sforz li jsir biex dawn jitjiebu huwa iktar milli ġustifikat.

18 Triq Erin Serracino Inglott, Cospicua

2. Qabel xejn xtaqt nagħmel xi osservazzjonijiet ġenerali dwar ir-rabta bejn il-Kostituzzjoni u l-Ordnijiet Permanenti. Skond l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, il-Parlament mhux biss għandu vestita fih is-setgħa legislativa (kif jipprovdi l-artikolu 65) izda għandu, in parti, s-sovranita` legislattiva, inkwantu jista jibdel, bil-mod hemm indikat, kull parti tal-Kostituzzjoni stess, li m`hijiex eskluża minn dan (ara l-artikolu 66 ). Is-sovranita` assoluta tal-poplu Malti tibqa`, min-naħa l-oħra mħarsa mill-Kostituzzjoni nnifisha. Fl-artikolu 67 il-Kostituzzjoni tipprovdi illi l-Kamra tad-Deputati (ta' min jinnota li hawn ma jingħadx 'il-Parlament', iżda il-Kamra tad-Deputati) tista` tirregola l-proċedura tagħha stess. Salv dak li sejjer jingħad għal ċerti artikoli tal-Kostituzzjoni, il-Kamra tista tirregola l-proċeduri tagħha, b`sempliċi risoluzzjoni mgħoddija minnha, bla ħtiega li tgħaddi ligi li tieħu l-kunsens tal-President (appuntu b`hekk ikun kostitwit il-Parlament). Il-metodu, li naħseb li huwa korrett, li ġie adoperat bir-Risoluzzjoni 198 ta` l-1995, huwa biżżejjed biex isir tibdil fil-proċeduri kif kontemplati fl-Ordnijiet Permanenti li għandna llum. Naturalment dan ma jgħoddx għal dawk il-proċeduri tal-Kamra li huma stipulati espressament fil-Kostituzzjoni, bħalma hu l-*quorum* tal-Kamra kif previst fl-artikolu 70, salv li l-Kostituzzjoni stess tirrimanda mbagħad lill-Ordnijiet Permanenti, l-fissazzjoni tal-ħin li jrid jgħaddi biex dan il-*quorum* jiġi aċċertat. Kull tibdil tal-Kostituzzjoni f`dak li jirrigwarda dawn il-proċeduri, billi l-artikolu 70 m`huwiex inkluż fost dawk li jitolbu maġġoranza kwalifikata, jista` jsir b`maġġoranza sempliċi. Kull tibdil ta` l-Ordnijiet Permanenti, fejn dan jeħtieġ tibdil fil-Kostituzzjoni, ikun irid isir, naturalment, b`liġi u mhux b`sempliċi riżoluzzjoni.

3. Huwa loġiku li Parlament sovran ikollu d-dritt li jirregola l-proċeduri tiegħu. Anki meta l-Assemblea Legislattiva ma kinitx organu sovran, taħt il-Kostituzzjonijiet li kellna mill-1921 `il quddiem, il-Kamra kellha dejjem dan id-dritt. Fl-ewwel Parlament elett, għas-seduti tal-bidu, ġew użati l-Ordnijiet Permanenti li kellu l-Kunsill tal-Gvern preċedenti, iżda fl-24 ta Frar 1922, Dr. (sa dak iż-żmien ma kienx għadu sar Sir) Ugo Mifsud, bħala *leader of the House,* poġġa fuq il-mejda tal-Kamra l-abbozz ta` l-Ordnijiet Permanenti, illi kien ġie

ippreparat minn kumitat kompost minn Sir Gerald (sa dak iż-żmien ma kienx għadu sar Lord) Strickland, Dr. Enrico Mizzi, in-Nutar Salvu Borg Olivier u Dr. Pier G. Frendo; jiġifieri l-kapijiet tal-Partit Kostituzzjonali, tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista u tal-Partit Laburista, kif ukoll il-*whip(* in-nutar Borg Olivier*)* tal-Partit ta maġġoranza relativa li kien fil-Gvern, jiġifieri ta' l-*Unione Politica Maltese*. L-Ordnijiet Permanenti kif abbozzati minn dan il-kumitat tant prestiġġjuż ġew addottati, bi ftehim, fis-seduta tas-6 ta Marzu 1922, b'emendi, u wara dibattitu interessanti ħafna. Parti sewwa minn dak li nkiteb minn dan il-Kumitat għadu jidher fl-Ordnijiet Permanenti tal-lum, għaliex il-Parlamenti suċċessivi, taħt il-Kostituzzjonijiet kollha, inkluża dik ta' l-Indipendenza, baqgħu jsegwu, b'tibdil li sar matul is-snin, l-istess tradizzjoni, li hija verament imnissla mir-"regoli,modi,użanzi u drawwiet" tal-*House of Commons*.

4. L-artikolu 197 ta' l-Ordnijiet Permanenti kif inhuma illum, jagħmel referenza espressa għall-proċeduri fil-*Mother of Parliaments*, u matul dawn l-aħħar tmienja u sebgħin sena, diversi Presidenti tal-Kamra tad-Deputati mhux biss sostnew id-deċiżjonijiet li taw billi ċċitaw dak li jsir hemm, iżda qiesu it-test ta' l-Erskine May *"Parliamentary Practice"*, fid-diversi edizzjonijiet tiegħu, bħala speċi ta Bibbja li tipprovdi soluzzjoni għall-problemi kollha li jinqalgħu. Wieħed irid jara kemm huwa għaqli llum li jibqa jistrih fuq dan l-ġibjun ta esperjenzi, meta anki fir-Renju Unit qed tinħass il-ħtiega ta' tibdil radikali, waqt li min-naħa l-oħra hemm dejjem it-tendenza konservativa li jinżammu ritwali li ma fiehom ebda sinjifikat ħlief dak storiku. Hemm ċerta diffikolta' li wieħed jiċċita dak li jsir illum f'Westminister meta l-i*Standing Orders* tagħhom inbidlu sewwa, u ċertament m'huwiex f'postu li wieħed jibqa' jirreferi għal dak li kien isir hemm fl-imgħoddi u jgħix fil-fosdqa tal-passat. Min-naħa l-oħra, l-i*Speakers* kollha li kellna, waqt li ħassew il-ħtiega li jitwieżnu fuq id-deċiżjonijiet Ingliżi, ikkontribwew għal fond ġdid u partikolari ta deċiżjonijiet, li minħabba l-kontinwita' ininterotta ta' l-aħħar tmienja u tletin sena, jiffurmaw *corpus* interpretattiv impressjonanti, li mhux

ta' min jarmih. Min-naħa l-oħra jekk dan il-fond ta' esperjenzi jiġi espress f'ordnijiet ġodda, dak li jista jintilef fi flessibilita', jiġi żgur iktar milli akkwistat f'regoli ċari u stabbli li jiffrankaw punti ta' ordni u *rulings* li jsolvuhom, bit-telf ta żmien li dan iġib miegħu.

5. Sabiex naqdi aħjar l-inkarigu li tajtni jiena kkonsultajt lil diversi persuni, fosthom lill-Onorevoli Deputy Speaker, lil diversi ex-Speakers, lil diversi deputati, lill-iSkrivan tal-Kamra u lil dawk li jassistuh, u li ġentilment assistewni, kif ukoll lil diversi nies oħra. Barra minn hekk ikkonsultajt l-Ordnijiet Permanenti ta' numru ta Parlamenti ta' pajjiżi barranin, u r-rapport li sar f'New Zealand għar-reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti ta' dak il-pajjiż, fl-1995.

6. Fl-ittra tiegħek, inti tesprimi x-xewqa li jitjieb l-andament tax-xogħol parlamentari. Jidher lil ħafna li kellimt, illi l-Ordnijiet Permanenti tal-lum m'humiex qegħdin iwasslu għal rendiment tajjeb biżżejjed. Wieħed irid jirrimarka li meta titqies l-allokazzjoni ta' ħin għax-xogħol li l-Kamra għandha twettaq, sew dak leġislattiv, kif ukoll dak ta' kontroll ta' l-amministrazzjoni, jidher li jinħass nuqqas fil-proporzjon, bejn l-investiment tal-ħin u l-enerġiji ta tant nies u r-riżultati li jinkisbu. Żdied sewwa n-numru ta' seduti, iżda ħafna drabi tittieħed l-impressjoni illi t-taqsim u l-allokazzjoni m'humiex biżżejjed razzjonali. L-Ordnijiet Permanenti ma jiggarantux, b'mod adegwat, id-drittijiet u l-operat ta' l-Opposizzjoni, bir-riżultat illi l-Opposizzjoni tipprova tagħmel pressjoni billi ttawwal id-dibattiti u billi tagħmel użu puntiljuż mill-istrumenti proċedurali. Il-maġġoranza naturalment tipprevali bil-vot tagħha, izda biex twettaq il-programm leġislattiv tagħha jkollha bilfors tissubixxi l-użu ta speċi ta "*work to rule*", li jtellef ħafna mill-effiċjenza, itella' l-livell tat-tensjoni, u billi llum id-dibattiti jigu segwiti minn fuq ir-Radju, itellef xi ftit mill-prestiġju ta' l-aqwa istituzzjoni tad-demokrazija tagħna. Fl-ordinament tagħna bħalissa, għalkemm teoretikament hemm ġurnata kull ħmistax, li fiha l-Parlament għandu jiddiskuti proposti li m'humiex tal-Gvern, jiġifieri dawk ta' l-Opposizzjoni jew tal-membri tan-naħa tal-Gvern li ma jiffurmawx parti mill-eżekuttiv, dan isir rarament, u donnu bħala konċessjoni, fuq mozzjonijiet ta' nuqqas ta fiduċja, fuq mozzjoni għal tħassir ta' Regolamenti jew fuq punti oħra li jitqiesu ta importanza tali li l-maġġoranza tħoss li ma tistax taħrabhom, jew li għandha d-dmir ma tiskartax.

L-Opposizzjoni (kull waħda li naf, meta kont deputat, sija meta kont parti minnha kif ukoll meta kont fil-Gvern) tipprova tivvalorizza il-konċessjonijiet li tagħmel, fi ftehim ta' "*pairing*", u f'limitazzjoni ta' numru ta' interventi, billi kultant tirtirahom, u dan l-iktar meta tħossha (bir-raġun jew bit-tort) iffrustrata jew imċaħħda minn drittijiet essenzjali. Wieħed jista' jnaqqas l-element ta' pika u nkejja, jekk id-drittijiet tal-maġġoranza għall-organizzazzjoni aħjar tal-ħin, kif ukoll dawk tal-Opposizzjoni (u tal-membri tan-naħa tal-Gvern li ma jkunux ministri) jigu salvagwardati aħjar. L-iskop tal-latitudni estrema ta' ċerti regoli kien li permezz ta dan l-istat jinħoloq il-bżonn ta' ftehim. Iżda wieħed jara li anki fil-*House of Commons* ir-regoli saru iktar stretti, biex kull naħa taf minn qabel xi drittijiet għandha. Wieħed jiftakar fid-diskors tas-7 ta Gunju 1998 li fih l-iSpeaker Myriam Spiteri Debono kienet qalet preċiżament dan:

> "...Nistaqsi wasalx iz-zmien biex anki nikkunsidraw jekk għandniex neżaminaw mill-ġdid l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ħalli, kif isir f'Parlamenti oħra, jiddaħħal il-konċett li għandu jkun hemm numru ta' seduti speċifikament allokati għal xogħol tal-Opposizzjoni."

Madame Speaker Spiteri Debono, fiż-żewġ diskorsi li għamlet fis-7 ta' Gunju (1997 u 1998), kienet esprimiet l-istess konvinzjoni, illi biex il-Parlament jaħdem aħjar irid jitnaqqas il-ħela taż-żmien li hu effett tar-reazzjoni ta' l-opposizzjoni għal ċerti nuqqasijiet ta' garanzija tad-drittijiet tagħha.

7. Biex wieħed jista jikkommenta b'mod ordinat, mingħajr ma jbiddel għal xejn b'xejn in-numru tal-Ordnijiet Permanenti li issa saru magħrufin sewwa bin-numru tradizzjonali tagħhom, sejjer ngħaddi in rassenja l-artikoli kif inhuma llum u nagħmel il-kummenti u s-suġġerimenti tar-reviżjoni għal kull wieħed.

**Ordni Permanenti 1 (1).** Dan l-artikolu jagħti tifsir preċiż lill-kliem u t-termini użati fit-test. Sar kumment, li jiena naqbel miegħu, illi waqt li hemm ħafna definizzjonijiet superfluwi għaliex assolutament ovvji, imma li ċertament jistgħu jibqgħu, m'hemmx imbagħad definizzjoni ta' frażijiet bħal 'punt ta' ordni', 'deċiżjoni tal-iSpeaker jew ta' min ikun qiegħed jippresjedi l-Kamra (*ruling*)' 'kwestjoni ta privileġġ' 'spjegazzjoni personali'. Intqal illi kieku wieħed jagħmel definizzjoni jigu evitati kontestazzjonijiet inutli.

Is-suggeriment tiegħi għar-rigward ta' definizzjoni ta'punt ta ordni' hu li tista tkun din:

> 'ilment imqanqal minn deputat li bih jigbed l-attenzjoni ta min ikun jippresjedi, li jkun inkiser jew sejjer jinkiser xi Ordni Permanenti, jew talba minn deputat għal interpretazzjoni ta Ordni Permanenti partikolari.

Deċiżjoni jew *ruling* jistgħu jitfissru hekk:

> deċiżjoni mogħtija minn min ikun jippresjedi l-Kamra jew Kumitat tal-Kamra, kemm jekk din tingħad biss bil-fomm kif ukoll jekk barra milli tingħad bil-fomm tkun miktuba, li biha jiġi 'definit punt ta' ordni.

Kwestjoni ta privileġġ tista' tigi mfissra bħala:

> ilment imqanqal minn deputat li bih jiġbed l-attenzjoni tal-Kamra li jkun inkiser jew sejjer jinkiser xi privileġġ rikonoxxut mill-Ordinanza relativa, jew talba minn deputat għall-interpretazzjoni ta' xi materja taħt dik l-Ordinanza.

Spjegazzjoni personali tista' titfisser bħala:

> intervent minn deputat biex jispjega kliem jew għemil attribwit lilu.

**Ordni Permanenti 1(2)** ma jidhirx li għandu jintmiss għalkemm fl-imgħoddi ġieli niftakar ilmenti dwar ġranet eċċessivi għal pre-avvis meta festi pubbliċi jinzertaw preċeduti jew segwiti minn Ħdud.

**Ordni Permanenti 2** ma jidhirx li għandu jinbidel.

**Ordni Permanenti 3** ma jidhirx li qiegħed jikkaġuna xi diffikolta`, iżda jidher ftit kontrosens li d-deputati jeleġġu l-iSpeaker qabel ma *jieħdu* l-ġurament, kif *jistgħu* jagħmlu skond l-artikolu 5. Logikament wieħed kellu jaħseb, kieku ma kienx hemm il-proviso ta` l-artikolu 5, li l-Kamra teleġġi Speaker immedjatament wara tigi kostitwita, u tkun kostitwita malli d-deputati jieħdu l-ġurament, in segwitu għall-qari tal-Proklama. L-elezzjoni ta' Speaker hija att ta responsabbilta` kbira u m'għandhiex issir minn deputati li għadhom ma ħadux il-gurament. Hekk ukoll kienet il-prattika fil-Parlament tagħna sa' l-1962, meta bdiet il-prattika presenti. F`Parlamenti oħra jingħad fl-Ordnijiet Permanenti min għandu jippresjedi waqt il-proċedura ta' elezzjoni ta' Speaker, ġeneralment il-membru l-iktar anzjan (ara *Standing Order* 1(1) tal-*House of Commons*). Hekk sar reċentement, meta l-iSpeaker ta' dik il-Kamra tat ir-riżenja tagħha matul il-leġiżlatura.

**Ordni Permanenti 4** ma jidhirx li għandu jinbidel, ħlief li billi saret prattika li jinħatar ukoll viċi tad-*Deputy Speaker*, wieħed għandu jikkonsidra li l-elezzjoni ta' dan tkun ukoll fuq l-aġenda ta` l-ewwel seduta. Fir-Renju Unit (ara *Standing Order* (2) tal-*House of Commons*) jiġu eletti mill-ewwel żewġ *Deputy Speakers* bħala *First and Second Chairmen of Ways and Means*. Parlamenti oħra jinnominaw iktar minn viċi-president wieħed, u aktarx xi uħud anki mill-opposizzjoni. Jigi nnutat illi d-diċitura Viċi-President tal-Kumitat tal-Kamra kollha tigi wżata fl-ordni numru 108.

Fl-Ordnijiet Permanenti tagħna m`hemmx, dak li ssib fl-*Standing Order* 3(1)(2)(3) tal-*House of Commons*, dwar il-mod kif id-*Deputy Speaker* jissostitwixxi l-Ispeaker. Għalkemm dejjem bħala prattika

segwejna li l-Ispeaker jista jiddelega lid-*Deputy Speaker* li jissostitwih, mingħajr ma javza lill-Kamra, u għalkemm meta l-iSpeaker kien marid jew imsiefer, id-*Deputy Speaker* dejjem daħal minfloku bl-istess poteri, forsi jista jkun għaqli li wieħed jipprovdi għal dan b'mod speċifiku biex jevita li xi darba tqum kwestjoni fuq hekk.

Fir-Renju Unit ukoll, l-Ispeaker għandu dritt jagħzel numru ta "*temporary Chairmen*" biex jagixxu bħala tali meta hemm bżonn, u li jiffurmaw *panel.*

**Ordni Permanenti 5** Dan l-artikolu jista' jibqa' kif inhu ħlief li, jekk wieħed jiddeċiedi li l-ġurament tad-deputati għandu jippreċedi l-elezzjoni ta Speaker ġdid, allura jridu jitneħħew minnu kemm il-parentesi kif ukoll l-"Iżda" ta wara. Skond il-Kostituzzjoni (artikolu 59 (4)), l-uffiċċju ta Speaker ma jiġix vakanti sakemm ma tiltaqax il-Kamra wara elezzjoni ġenerali.

**Ordni Permanenti 6** Dan l-artikolu jista' jibqa' kif inhu.

**Ordni Permanenti 7** L-unika riflessjoni li wieħed għandu jagħmel huwa dwar jekk għandux ibiddel daqxejn il-format tad-dibattitu dwar id-diskors programmatiku li l-President jaqra fil-bidu ta' kull legislatura. Kif inhu miktub dan l-Ordni llum, jista wieħed jargumenta li qed jipprevedi tlett ijiem sħaħ ta' dibattiti li jieħdu mis-6.00 p.m (l-interpellanzi suppost jieqfu dak il-ħin) sad-9.00 p.m, jiġifieri disa' sigħat ta' dibattitu fi tliet seduti. Wieħed jista' jikkonsidra li flok hekk jiftaħ għal possibilita' li dan id-dibattitu jiġi mqassam mod ieħor (ngħidu aħna f'jumejn billi l-Kamra tiltaqa' jew fl-4.30 p.m. u tispiċċa fid-9.00. pm. jew anki f'gurnata waħda billi tiltaqa' fid-9.00 a.m. u tinterrompi fis-1.00.p.m. u terga tiltaqa' mill-4.00 sad-9.00 p.m.). Dan id-dibattitu huwa importanti, iżda huwa desiderabbli li jsir malajr u b'kontinwita'. Kultant fl-esperjenza reċenti, jitwal u jispiċċalu ħafna mis-sinjifikat. L-aħħar parti ta' dan l-artikolu ġiet inkluza biex jista' jigi introdott xogħol finanzjarju urgenti. Jekk id-dibattitu sħiħ isir f'ġurnata waħda jew tnejn, inqas ikun hemm il-ħtieġa.

**Ordni Permanenti 8:** Illum il-frażi

> "jekk il-Kamra ma tordnax xorta oħra, tiltaqa fil-5 ta' wara nofs inhar it-Tnejn u l-Ħamis f'kull ġimgħa (ħlief fil-festi pubbliċi) u f'dawk il-ġranet l-oħra u f'dak il-ħin l-ieħor li l-Kamra tista' tiddeċiedi minn żmien għal żmien jew kif l-Ispeaker jista' jistabbilixxi għal raġunijiet ta' urgenza",

tinħass 'il bogħod minn dak li attwalment qed jiġri. Il-Kamra ilha iktar minn ħamsa u għoxrin sena tiltaqa' tliet darbiet fil-ġimgħa, it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, normalment, u dan fis-6.00 p.m. Waqt li l-Ordnijiet Permanenti jgħidu li kull Ħamis alternattiv ix-xogħol tal-membri privati għandu jkollu preċedenza, billi l-Kamra tiltaqa' skond kif jidhrilha, is-seduti tal-Ħamis isiru biss meta trid il-maġġoranza. Nissuġġerixxi li dan l-Ordni jinbidel fis-sens li jekk il-Kamra qed tiltaqa fis-6.00 p.m., u tliet darbiet fil-ġimgħa, din tkun in-normalita' miktuba, salv dejjem li l-Kamra (jiġifieri l-maġġoranza) tista tiddeċiedi mod ieħor, iżda wkoll li s-seduti ta' darba kull xahar jew kull ħmistax, nhar ta' Ħamis (għoxrin Ħamis fis-sena) ikunu riservati għall-membri privati (fir-Renju Unit 17 huma determinati mill-aġenda tal-Kap tal-Opposizzjoni u tlieta minn oħrajn). Salv li jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar id-data ta' dawn, l-Ispeaker ikollu d-dritt jgħajjat lill-Kamra għalihom fuq istanza tiegħu bħal fil-kas ta' l-urġenza. Dwar il-ħinijiet li fihom tiltaqa' l-Kamra, jidher għad-dawl tal-esperjenza reċenti, li biex ikun hemm żmien biż-żejjed għad-dibattiti, flok multiplikazzjoni tas-seduti (tnejn f'kull jum f'din il-leġislatura, tlieta f'ġurnata fil-leġislatura preċedenti), il-ħin tas-seduti eċċezzjonali jitwal u jsir mill-4.00.p.m. sal-10.00.p.m. u l-allokazzjoni għall-mistoqsijiet tkun ta siegħa. B'hekk kull seduta eċċezzjonali jkollha ħames sigħat għall-aġenda korrenti flok sagħtejn u nofs. Nixtieq nirrimarka illi l-esperjenza tiegħi bħala Ministru kienet illi meta nagħmel perijodi twal nattendi l-Parlament fil-għodu, kont insib li kont nonqos sewwa mis-sorveljanza fuq l-andament ta' l-amministrazzjoni tad-dipartimenti u t-taqsimiet fdati lili fil-portafoll li kelli. Nisthajjel li din l-esperjenza ma kinitx tiegħi biss. Il-pajjiż ibati meta l-Ministri jiġu maqtugħa fit-tul milli jattendu personalment fil-postijiet li jeħtieġu inviġilanza u l-għajn li ġġib soġġezzjoni.

**Artikolu 9** Dan jidher li għandu jiġi rtukkat għad-dawl ta` dak li ntqal, għaliex l-esperjenza tat li huwa għaqli li l-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha f'ħin determinat. Bħala attwalita` ċerti Kumitati Permanenti jsibuha konvenjenti li meta jkollhom diskussjoni ta` materja li jaqbel titkompla sakemm tintemm (l-iktar fil-Kumitat Permanenti dwar il-Liġijiet) is-seduta tibqa sejra anki wara d-disgħa. L-estensjoni wara d-disgħa skond it-test tal-Ordni illum issir għaliex il-Kamra tkun ordnat xort`oħra. Forsi jaqbel li din il-materja tigi definita, billi wieħed jgħid jekk u meta u kif, tista ssir l-estensjoni.

**Artikolu 10** F`dan l-Ordni jidher li wieħed għandu jiċċara l-konċett ta' "xogħol oppost" fl-ewwel subartikolu. Oppost tista' tfisser kontestat, jew li fuqu m`hemmx qbil, u tista tfisser, teknikament, li għad hemm x`jingħad fuqu, allavolja hemm qbil. Illum fil-Parlament barra mill-Gvern u l-Oppożizzjoni, hemm il-preżenza kontinwa tal-pubbliku, minn fuq ir-Radju, jew anki stess permezz tal-gazzetti. Hemm ħafna ħwejjeġ li fuqhom jista jkun hemm qbil iżda dan il-qbil innifsu barra mill-materja stess, jirrikjedi spegazzjoni, li l-poplu għandu dritt li jisma`. Is-subartikolu (4) wkoll ġieli ikkaġuna xi diffikultajiet proċedurali. Kif inhu redatt, jekk wara nofs siegħa, d-diskussjoni dwar l-aġġornament tkun għadha sejra, il-Kamra tiġi aġġornata (skond il-mozzjoni ta' l-aġġornament) mingħajr ma ssir votazzjoni. Fil-prattika dan ifisser li kulħadd jassumi li mhux ser issir votazzjoni, għaliex hemm konswetudni li l-membri tan-naħa tal-gvern jalternaw mal-membri tan-naħa tal-opposizzjoni, u għalhekk meta jitkellmu tan-naħa tal-gvern, dawn jibqgħu jitkellmu sakemm tgħaddi n-nofs siegħa, u meta jitkellmu ta' l-opposizzjoni, l-istess, ħlief, meta b`sorpriża, jekk jaraw li m'hemm ħadd tal-gvern li jista jitlob li jkompli jitkellem u allura jtawwal san-nofs siegħa, tintalab votazzjoni dak il-ħin. Biex wieħed jevita s-sorpriżi, jista' wieħed jgħid li jekk il-mozzjoni tal-ministru għall-aggornament ma tiġix kontestata dak il-ħin li ssir, ma jistax jintlab vot fuqha. Id-diskorsi li jsiru fl-aħħar nofs siegħa ta' kull seduta, jkunu aktarx fuq kollox barra milli fuq l-aġġornament, u tibdila bħal din għalhekk ma tisnatura xejn. Id-diskors immirat biss fuq l-aġġornament għandu jsir meta l-aġġornament innifsu ikun kontestat.

**Artikolu 11** Dan l-Ordni Pernanenti daħal fil-lingwa popolari minhabba l-uzu li jsir minnu korrentement. Ta' min jirrifletti fuq il-vera raġuni għaliex jezisti. Il-*quorum,* jew aħjar, ir-regola li għandu jkun hemm ċertu numru mid-deputati preżenti, għandha sens biex tiżgura li grupp żgħir ta' deputati, li jinzerta jkun f'mument minnhom fil-Kamra, ma jkunx jista', b'sorpriża, jieħu deċiżjoni li l-Kamra bħala totalita' ma tapprovax. Ċertament ir-regola ma saritx bħala miżura ta' dixxiplina u biex tiżgura l-attendenza. Kien hemm żmien meta kienet meqjusa importantissima l-presenza kostanti ta' kull membru fil-Kamra. Mill-esperjenza tiegħi, kieku kulħadd ikun fil-Kamra l-ħin kollu inqas isir xogħol. Ikun hemm iktar interruzzjonijiet u telf ta' ħin. Min jisma' d-diskorsi kollha li jsiru, f'kull seduta tal-Kamra, jiġġennen bil-għejja. Is-sewwa hu, li meta jkun hemm dibattiti ta importanza kbira aktarx li jkun hemm is-sala mimlija, iżda mill-bqija waqt ix-xogħol li l-Kamra jeħtiġilha tagħmel kuljum, huwa naturali li jkunu preżenti dawk id-deputati li jkunu ddedikaw l-iktar studju għal materja korrenti. Kultant id-deputati li huma l-iktar intiżi minn materja jikkontribwixxu minħabba l-ispeċjalizzazzjoni, waqt li oħrajn ikunu mistennija jisimgħu fit-tul qabel jitkellmu. Tajjeb li kull deputat isegwi biex ikun jaf fuqhiex imbagħad jagħti l-kunsens tiegħu, iżda aktarx fuq id-dettalji li m'humiex ta prinċipju, wieħed jistrieħ fuq l-esperti fost id-deputati sħabu. Min-naħa l-oħra llum bil-Kumitati Permanenti, ħafna xogħol imsoffi mir-retorika, jsir fihom, u r-regola kif inhi llum qegħda ttellef ix-xogħol tal-Kumitati, għaliex ikollhom jiġu interrotti meta ssir it-talba tal-verifika tal-*quorum.* Min qatt ma serva f'Parlament jista jiskandalizza ruħu li jara Kamra kważi vojta. Speċjalment fil-pajjizi fejn jittrasmettu xi parti jew il-proċedimenti sħaħ, fuq it-televiżjoni, dan qanqal ħafna kummenti. Iżda r-realta' hi hekk f'kull Parlament tad-dinja, mhux minħabba traskuraġni jew disinteress, iżda għaliex kull deputat jipprova jagħmel l-aħjar użu mil-ħin tiegħu u jagħti prijorita' ta' importanza għall-preżenza tiegħu, li tista' tkun f'post wieħed biss. Fir-Renju Unit (ara *Standing Orders of the House of Commons, Public Business* 1999, *Standing Order* numru 41.) ir-regola inżammet biss għall-ħin tal-votazzjoni, u jekk inqas minn erbgħin membru jirrisultaw illi jkunu vvutaw, il-materja titħalla għal darb' oħra, u jgħaddu għal "*business* ieħor". Is-subartikolu (2) ta' dan l-Order jgħid tassativament: *The House shall not be counted at any time.*

Din it-tibdila saret fis-sena _1971_ (ara Erskine May tnejn u għoxrin edizzjoni pagna 260). Fi New Zealand il-Kumitat li kien gie mqabbad biex jirrivedi l-Ordnijiet Permanenti, wara li kkonsidra l-materja kollha wasal għall-konklużjoni (ara l-pagni 23 u 24 tar-rapport tagħhom): *After considering all the issues, the committee has come to the conclusion that the quorum requirement should be abolished, though a minimum vote of 20 members should be required for a division.* Huwa minnu li ħafna Parlamenti żammew ir-regola tal-*quorum*, mingħajr qatt ma jinvokawha. Hija regola li tista' jkollha l-meritu li tfakkar lill-maġġoranzi, illi kultant jista' jkollhom bżonn jaslu f'arrangamenti mal-opposizzjonijiet. Forsi jkun aħjar li flok dan l-istrument, ċerti drittijiet tal-Opposizzjoni jsibu rwieħom garantiti b'mod iktar dirett fl-Ordnijiet Permanenti.

Kif inhu miktub dan l-Ordni m' huwiex sodisfaċenti. Biex tixkatta r-regola tal-quorum xi ħadd irid jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun jippresjedi għal fatt li ma hemmx quorum. Teoretikament jista' jiġri li tittieħed deċiżjoni b'votazzjoni ta' numru zgħir ta membri, b'sorpriza, għaliex ħadd ma jkun gibed l-attenzjoni għan-nuqqas u l-Ispeaker jew min jippresjedi m' għandux l-obbligu li josserva n-nuqqas spontanjament. Dan l-Ordni (kuntrarjament għall-Ordni Permanenti 111, li jirrigwarda l-quorum fil-kumitat) ma jħarisx lejn il-presenza ta quorum fil-mument importanti ta' votazzjoni. L-artikolu 70 (1) tal-Kostituzzjoni jħalli lill-Ordnijiet Permanenti d-disposizzjoni biss ta'l-intervall, imma jimponi r-regola, u għalhekk biex jinbidel radikalment l-istitut trid tittieħed id-deċiżjoni li ssir emenda fil-Kostituzzjoni. Dan jirrikjedi biss maġġoranza sempliċi. Ċertament l-artikolu m' għandux jibqa kif inhu, għaliex anki l-intervall ta ħames minuti jista jkun twil iż-żejjed meta l-membri temporanjament assenti jkunu propriju fil-viċinanzi, u jidħlu f'nofs minuta, u jista jkun qasir iżżejjed meta xi membri jkun mitluba jattendu għal raġuni konnessa mar-responsabbiltajiet tagħhom barra mill-edifiċċju tal-Palazz, jew barra mill-Belt. Niftakar okkażjonijiet meta biex jilħqu votazzjoni, il-membri, jew min kien isuqhom ipperikolaw il-ħajja tan-nies, u tagħhom.

Nissuġġerixxi ghalhekk illi jekk ma titteħidx id-deċisjoni radikali, li ttieħdet fl-Ingilterra, illi jitneħħa għal kollox l-għadd tal-membri u jinżamm il-quorum biss ghal votazzjoni, illi l-intervall jigi regolat mod iehor: jiġifieri li l-ħin tal-mistennija jsir nofs siegħa, iżda li malli l-Ispeaker ikun infurmat li hemm iktar minn ħmistax il-membru huwa jkun jista` jirriprendi mingħajr ma joqgħod jistenna nofs siegħa.

**Artikolu 12** Dan l-artikolu jidher li m` għandux jintmiss. Jekk jitħalla kif inhu, u fl-opinjoni tiegħi hekk għandu jsir, jirrendi iktar importanti li wieħed jistabilixxi tajjeb il-ġranet meta tiltaqa` l-Kamra kif intqal fl-Artikolu 8.

**Artikolu 13.** Fuq dan l-artikolu hemm numru mhux ħazin ta *rulings*. Forsi l-lum l-artikolu jimmerita riflessjoni. L-iskop tiegħu huwa dak li jingħata mod lill-Opposizzjoni jew anki lil membri tan-naħa tal-Gvern li ma jkunux parti mill-esekuttiv, li jqajjmu għad-diskussjoni permezz ta mozzjoni ta aġġornament tal-Kamra, materja definita u ta` importanza pubblika urġenti. L-artikolu jibda fin-negattiv:(1) ebda mozzjoni għall-aġġornament tal-Kamra fuq ħaga definita ta importanza politika urgenti ma tista ssir, kemm il-darba membru fil-bidu tax-xogħol (*jiġifieri wara l-mistoqsijiet u qabel il-mozzjonijiet jew l-ordnijiet tal-ġurnata, skond il-każ*) ma jqumx f`postu u jgħid li jitlob il-permess li jressaq l-aġġornament tal-Kamra biex tigi diskussa ħaga definita u ta importanza pubblika urgenti, u wara hekk huwa jsemmi l-ħaga u jagħti lill-iSpeaker dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett biex ikun diskuss. Ikompli billi jgħid li (2) L-iSpeaker għandu, wara hekk, jitlob lil membri li jappoġġjaw il-mozzjoni biex iqumu f`posthom, u jekk mhux inqas minn għaxra jqumu, il-mozzjoni tibqa` ghas-sebgħa ta`l-istess ġurnata. Iżda jekk anqas minn għaxra izda mhux anqas minn ħamsa jkunu hekk qamu, il-membru jista`, jekk jidhirlu xieraq, jitlob divisjoni, wara li tkun imressqa għal voti minnufih u ġiet deċisa bla emenda jew diskussjoni, biex jigi deċiż jekk dik il-mozzjoni tistax issir. L-Ordni Permanenti fit-tielet lok (3) jgħid li ebda mozzjoni ghall-aġġornament ma tista ssir matul xi diskussjoni. Forsi dan is-subparagrafu jeħtieg jinkiteb ahjar.

Jekk qed jgħid li meta tibda xi diskussjoni fuq ħaġa oħra, din il-mozzjoni ta urġenza ma tistax issir allura qed jirreitera dak li diġa ntqal billi din tista ssir qabel il-mozzjonijiet u l-ordnijiet tal-gurnata, il-materji jigifieri li fuqhom tista ssir xi diskussjoni. Tkompli b`negazzjoni ohra (4) billi ebda diskussjoni ma tista titqanqal b`dan il-mezz dwar ħwejjeġ li jkunu avżati għad-diskussjoni jew li jkunu imniżżla bħala ordni tal-ġurnata jew dwar kwestjoni ta privileġġ, jew dwar ħaġa li ma tistax tigi diskussa ħlief wara mozzjoni speċifika. Tkompli ulterjorment b`negazzjoni oħra (5) ebda mozzjoni ma tista' titressaq skond dan l-Ordni Permanenti f`gurnata mogħtija għax-xogħol ta Provvista. Tispiċċa bi projbizzjoni oħra billi (6) ebda tieni mozzjoni skond dan l-Ordni Permanenti ma tista titressaq f`xi ġurnata.

L-Ordni Permanenti 13 huwa miktub biex jillimita l-okkazjonijiet meta deputat ( jew aħjar numru ta deputati ) jistgħu jitolbu li titwarrab l-aġenda u tiġi diskussa materja (a) definita (b) ta` importanza (c) pubblika (d) urġenti. Fl-Ordni Permanenti hemm diversi kwalifiki oħra. Izda finalment hemm il-piż imqiegħed fuq l-iSpeaker li jrid juża d-diskrezzjoni tieghu dwar (a),(b),(c) u (d), biex jammetti jew jiċħad din il-mozzjoni. Dawn il-mozzjonijiet minn natura tagħhom stess aktarx ikunu jmissu kwestjonijiet mill-iktar sħan politikament. Ma nafx kemm hu ġust u għaqli li dan l-Ordni Permanenti jibqa kif inhu.

Meta l-iSpeaker jilqa` l-mozzjoni, tigi mwarrba l-aġenda tal-ġurnata. L-imprevidibilita` tista żżid mal-interess pubbliku għad-drammatiċita` tal-Parlament, izda tnaqqas mill-effiċjenza, għaliex dak kollu li jkun ġie preparat għal seduta partikolari, bir-risorsi ta` ħin u ta` nies li kienu ġew investiti, jew suppost li ġew investiti, jitħalla għal seduta oħra u jrid jiġi ripetut. Fil-ġurnata tal-lum huwa importanti li jinżammu u jiġu rispettati l-pjanijiet tat-taqsim ta żmien. Minn naħa l-oħra huwa fl-interess pubbliku li ċerti materji ta' importanza kbira u urġenti jiġu diskussi tempestivament anki jekk ma jkunx jaqbel għat-tattika tal-Gvern tal-mument.

Forsi ta` min jikkonsidra li meta l-mozzjoni tigi ammessa, għandha tigi mħollija mhux għas-sebgħa, izda għad-disgħa, meta normalment issir il-mozzjoni ta`l-aġġornament, u d-diskussjoni dwar din il-mozzjoni urġenti iddum sa l-għaxra, meta l-iSpeaker għandu jqiegħed il-mistoqsija dwar il-mozzjoni u l-emenda tagħha (li tkun tinkludi il-proposta ta`l-aġġornament presentata mill-Ministru li jirrispondi). Qiegħed nagħmel dan is-suggeriment biex f`dawn iċ-ċirkostanzi l-piż fuq l-iSpeaker ikun inqas, ix-xogħol tal-Kamra ma jigix disturbat inutilment, u l-Opposizzjoni jkollha iktar okkażjonijiet fejn tqanqal materji li jistgħu ikunu ta importanza kbira, urgenti, definiti, u li ħaqqhom li jigu ventilati minnufih.

**L-artikoli 14 u 15** jidher li għandhom jibqgħu kif inhuma.

**L-artikolu 16** jidher li għandu jibqa', allavolja fil-prattika ħrenda diffiċli ħafna l-użu ta` dan il-metodu biex titnaqqas ir-ripetizzjoni jew l-ostruzzjoni. Dak li forsi għandu jitneħħa huwa s-subparagrafu (3) għaliex jagħmel impossibli l-metodu spedit dwar emendi fil-kumitat tal-Kamra kollha fil-granet meta l-iSpeaker ikun imsiefer jew marid, u allura jkun qiegħed jippresjedi l-Viċi tad-*Deputy Speaker*.

**Artikolu 17** Dan l-artikolu jehtieġ jipprovdi għal ħin meta jistgħu jsiru stqarrijiet ministerjali. Aktarx li dawn l-istqarrijiet isiru bil-miktub u allura jidħlu taħt 6." Prezentar ta karti", izda mhux darba u tnejn fl-esperjenza tiegħi, meta l-ħin ma jkunx jippermetti, Ministri ġieli għamlu dikjarazzjonijiet oralment. Tajjeb li jkun maħsub x`ħin għandhom isiru.

**Artikolu 18** ħu għandu jinkiteb hekk: Fl-ordnijiet tal-ġurnata jidħlu stadji ta abbozzi ta liġijiet jew mozzjonijiet li jkunu tnizzlu għal xi ġurnata partikolari bis-saħħa ta ordni tal-Kamra. Dan ifisser li hija l-Kamra stess li tkun awtorizzat li xi stadju ta abbozz ta liġi jew xi mozzjoni jitqiegħdu fl-ordnijiet tal-gurnata, waqt li l-interpellanzi, it-tqegħid ta karti, u l-hwejjeg l-oħrajn kollha li hemm fl-artikolu preċedenti jidħlu fl-aġenda in forza ta`l-Ordnijiet Permanenti u mhux in forza ta`l-Ordnijiet tal-Gurnata. Jiġi nnutat li anki l-ordni, cioe` s-sekwenza ta kif jigu ittrattati dawn tkun ir-risultat tal-mod kif tqegħdu fil-mozzjoni ta`l-aġġornament.

**L-artikoli 19 u 20** anki meta jiġu kunsidrati flimkien ma' l-aħħar sentenza tal-artikolu 18, jeħtiegu kjarifika. Fil-ġranet riservati għax-xogħol tal-Gvern, jistgħu l-Ordnijiet jinbidlu, billi jitqiegħdu fis-sekwenza li l-Gvern jidhirlu xieraq (kif donnu jgħid l-artikolu 19) jew iridu jibqgħu kif kienu fil-mozzjoni ta' aġġornament u allura kif jidhru fin-*notice paper* (kif donnu jgħid l-artikolu 20)? L-aħjar interpretazzjoni hi li l-Gvern għandu kull liberta' li jagħmel is-sekwenza kif jidhirlu fil-mozzjoni tal-aġġornament, izda mbgħad darba għamilha, jista' jbiddel biss bil-kunsens tal-Kamra b'deċizjoni li tittieħed mingħajr emenda jew diskussjoni. Forsi l-materja tista' tigi kjarifikata ulterjorment biex tigi evitata l-kontestazzjoni. Ta min jara *ruling* mogħti mill-iSpeaker Paul Xuereb fil-11 ta Frar 1987, ftit qabel ma nħatar Agent-President, u li hu iktar favur id-dritt tal-ġvern li jbiddel.

**Artikolu 21.** Jidher li dan l-artikolu, li huwa frott ta esperjenzi fis-snin l-imgħoddija, għandu jibqa' kif inhu. Intqal illi dawk l-indikazzjonijiet tradizzjonali dwar il-mod kif għandu jingħata l-*casting vote* tal-Ispeaker, fis-sens, li għandu jivvota biex id-diskussjoni tkompli, jew li l-amministrazzjoni tkompli, għandhom jinkitbu. Naħseb li dan mhux għaqli. Ikun aħjar, kieku wieħed jipprovdi li fil-kas ta parita', id-diskussjoni tkompli, jew il-provvista ta flus tingħata mingħajr ma jiġi involut l-iSpeaker, waqt li wieħed iħalli l-iSpeaker liberu jekk hemm il-ħtiega li jagħti l-vot, li jivvota kif iħoss. Vot obbligat ma hu vot xejn għaliex m'huwiex frott ta għazla.

**Artikolu 22.** Jidher li dan l-artikolu ma' għandux jintmiss, iżda jaqbel li wieħed jikkonsidra mod differenti kif jigu trattati l-interpellanzi. Ġie suggerit lili li jaqbel li jkun hemm żewġ innovazzjonijiet sostanzjali. L-ewwel illi jkun hemm ġranet allokati għall-interpellanzi lill-Prim Ministru u lill-Ministri partikolari, u li f'dan il-kontest ir-regoli ta domandi supplementari jitwessgħu peress illi meta Ministru jirrispondi fil-ġurnata tiegħu, ikollu iktar opportunita' ta preparazzjoni f'arja iktar wiesgħa mill-interpellanza partikolari, u t-tieni, imma konsegwenti u anċillari, li ż-żmien biex jitwieġbu, jitwal u ma jibqax tlett ijiem.

Il-Parlamenti ta ħafna pajjizi, speċjalment fl-Ewropa, sabu li dan huwa mezz tajjeb biex jitqanqlu kwestjonijiet ta attwalita` kif ukoll biex tigi skrutinata l-ħidma u anki l-kompetenza tal-Ministri partikolari. Il-ġbir tal-informazzjoni fit-tlett ijiem kif isir il-lum, kultant ifisser li l-Ministru jingħata biex iwieġeb dak li jkun il-frott ta` indaġni li ma tkunx kompluta. Meta Ministru jkollu mistoqsija wahda x`jirrispondi, u din tkun lura fin-*notice paper* jista jkollu t-tentazjoni li jħalliha biex fil-kas li "tasal" jirrispondiha Ministru ieħor. Dan huwa dejjem ħazin u kundannabbli, izda ċertament l-inċentiv biex Ministru jkun presenti jikber meta d-domandi jkunu kollha indirizzati lilu.

**Artikolu 23.** Jidher li dan l-artikolu m` għandux jintmiss.

**Artikolu 24** Jidher li dan l-artikolu m` għandux jintmiss.

**Artikolu 25** Jidher li dan l-artikolu m` għandux jintmiss.

**Artikolu 26** Jidher li dan l-Ordni Permanenti jeħtieglu tibdil għaliex m`huwiex konformi ma`l-attwalita`. Illum l-interpellanzi qed isiru mis-sitta, jew minn meta fil-fatt tibda s-seduta għaliex ikun hemm *quorum,* sas-sitta u nofs. Meta l-Kamra kienet tiltaqa' fil-ħamsa u l-interpellanzi kienu jieqfu fis-sitta, kien ikun allokat għalihom l-ispazju ta siegħa. Illum il-ħin huwa inqas minn nofs siegħa u kien hemm żminijiet twal meta l-ħin tal-mistoqsijiet ikun għadda qabel ma jibdew isiru. Waqt li s-subartikolu tal-bidu jgħid li jistgħu jsiru interpellanzi lil kull Ministru jew lil kull membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew dak il-membru jkun responsabbli, il-prattika dejjem kienet li l-interpellanzi jsiru biss lill-Ministri u eċċezzjonalment lill-iSpeaker. Wiehed irid jara jekk jaqbilx li jsiru interpellanzi direttament lis-Segretarji Parlamentari dwar hwejjeg li għaliehom ikollhom delega formali mingħand il-Ministri relattivi, u/jew jekk għandhomx isiru domandi wkoll lill-Presidenti tal-Kumitati Permanenti tal-Kamra. Kwestjonijiet ohra li jistgħu jinqalgħu huma dawk rigward interpellanzi diretti biex wieħed jikseb informazzjoni dwar l-Ombudsman jew l-Awditur. Għandhom isiru lill-iSpeaker li għandu jirreferi lill-Kamra r-risposti bil-miktub ta` dawn iż-żewġ uffiċjali? Kwestjoni ohra dibattibbli hija dwar mistoqsijiet li teoretikament jista' jagħmel Ministru jew Segretarju Parlamentari.

Nissuggerixxi li l-artikolu issa jinqara hekk:

(1) (a) Kull membru tal-Kamra, li m` huwiex Ministru jew Segretarju Parlamentari jista jiddeposita għand l-iskrivan tal-Kamra interpellanzi lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari dwar ħwejjeg pubbliċi fir-responsabbilta` tagħhom, meta fil-każ ta Segretarji Parlamentari jkollhom delega speċifika minn Ministru u din ġiet ippubblikata;

(b) Kull membru tal-Kamra jista jiddepożita għand l-iSkrivan tal-Kamra interpellanzi lill-iSpeaker dwar it-tmexxija amministrativa tal-Parlament; kif ukoll lill-Presidenti tal-Kumitati Permanenti tal-Kamra interpellanzi dwar it-tmexxija tal-Kumitati relativi;

(2)(a) L-interpellanzi indikati skond l-Ordni Permanenti 28 għal tweġiba orali jinstemgħu u jiġu mwieġba fit-turn tagħhom skond l-Ordni 17 , izda jieqfu milli jinstemgħu fis-6.30 p.m. jew fi żmien nofs siegħa[ fi żmien siegħa jekk tiġi addottata t-tibdil suġġerita dwar il-ħinijiet tal-Kamra] minn mindu tkun bdiet is-seduta; dawk li ma jiġux imwieġba oralment, jingħataw tweġiba bil-miktub fl-istess ġurnata li fiha jkunu dehru fuq l-avviż tas-seduta.

(b) L-interpellanzi jitqiegħdu fuq l-avviż għas-seduta skond il-ħin li jkun gie mħolli għal-interpellanzi, lill-Prim Ministru u lill-Ministri u Segretarji Parlamentari partikolari; l-interpellanzi lill-Ispeaker u lill-Presidenti tal-Kumitati Parmanenti jitqiegħdu għat-twegiba fl-ewwel seduta u jitwieġbu biss bil-miktub;

(c) L-interpellanzi li ma jkunux indikati għal tweġiba orali skond l-Ordni Permanenti 28 jitniżżlu għat-twegiba bil-miktub fl-ewwel seduta.

**Artikolu 27** Dan l-artikolu għandu jibqa kif inhu salv li s-sub-artikolu (4) għandu jigi emendat, billi wara l-kelma "kumitat" tidħol il-frasi: barra mill-Kumitati Permanenti imsemmija fl-Ordnijiet Permanenti numru 120 minn A sa G.

**Artikolu 28** Dan l-artikolu għandu jibqa` kif inhu.

**L-artikoli** 29, 30, 31, 32 għandhom jibqgħu kif inhuma.

**Artikolu** 33 Dan l-artikolu apparentement tant sempliċi kien il-meritu ta kontestazzjoni, fil-leġiżlatura 1996-98. Ġie dubitat jekk "awtorizzat" tfissirx awtorizazzjoni bil-kitba, jekk din l-awtorizzazzjoni għandhiex tigi ppruvata mid-deputat li jagixxi għal ieħor, jew għandhiex tiġi aċċettata anki jekk impliċita. Nissuggerixxi li jizdied il-kliem: Iżda l-kelma ta` deputat li huwa awtorizzat għandha tigi aċċettata jekk l-iSpeaker ma jkunx irċeva awtorizzazzjoni oħra.

**Artikolu** 34 Dan l-artikolu jidher li għandu jibqa kif inhu, salv li wieħed jikkonsidra jekk għandux itawwal iż-żmien fis-subartikolu (2) minn xahar għal xahrejn. Billi l-kalendarju parlamentari aktarx ikun iffullat, mozzjoni ma tigix dibattuta, mhux minħabba nuqqas ta interess min-naħa ta min ipproponieha izda minħabba l-esiġenzi. Jiġri li r-reġistru tal-mozzjonijiet jimtela firem ta tiġdid ta` mozzjonijiet qabel ma attwalment jaslu għad-diskussjoni jew jiġu abbandunati.

**Artikolu** 35 Dan l-artikolu jidher li għandu jibqa' kif inhu.

**Artikolu** 36. Wieħed jifhem ir-ragunijiet storiċi li minħabba fiehom il-kwestjonijiet ta privileġġ ġew mogħtija prijorita`. Hafna drabi dawn il-mozzjonijiet tqanqlu biex jigu salvagwardati drittijiet fundamentali tal-Parlament stess jew tal-liberta` tad-deputati. Dan l-artikolu ma ntmessx għalkemm twaqqaf, fl-1995 il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileggi, li skond l-artikolu 120 D għandu jittratta kazijiet riferiti lilu mill-iSpeaker jew mill-Kamra. Meta wieħed iħares lura lejn l-istorja tal-Parlament tagħna mill-1921 `l quddiem, wieħed isib li fl-imgħoddi imbiegħed u mhux wisq imbiegħed, intilef ħafna żmien u tkebbsu passjonijiet politiċi fuq materji illi kieku l-ewwel ġew ikkonsidrati minn Kumitat Permanenti, kienu jigu definiti u riżolti b`hafna iktar sens u utilita` għan-nazzjon u l-ħajja politika tiegħu.

Nisuġġerixxi illi l-artikolu jibqa' kif inhu, iżda miegħu tiżdied din is-sentenza: Jekk l-iSpeaker, wara li jkun sema' l-ispjega fil-qosor tal-proponent u tas-sekondant, kif ukoll, fil-qosor, l-opinjoni ta deputati li jixtiequ jopponu l-mozzjoni, ikun tal-fehma, illi hemm *prima facie* każ ta ksur ta' privileġġ, huwa għandu jirreferi minnufih il-każ lill-Kumitat Permanenti imsemmi fl-Ordni Permanenti numru 120 D, li għandu jiltaqa' fi żmien jumejn biex jiddefinih.

**Artikolu 37.** Dan l-Ordni ma jidhirx li għandu bżonn jinbidel.

**Artikolu 38.** Dan l-Ordni ma jidhirx li għandu bżonn jinbidel, salv dak li ngħad dwar l-Ordni Permanenti numru 33.

**Artikoli 39 u 40** Dawn ma jidhirx li għandhom bżonn ta tibdil.

**Artikoli 41, 42, 43 u 44** Dawn ma jidhirx li għandhom il-ħtiega li jinbidlu.

**Artikoli 45, 46 u 47.** Dawn ma jidhirx li għandhom bżonn jinbidlu.

**Artikolu 48.** Dwar l-ewwel parti ta dan l-Ordni ma jidhirx li hemm x'jingħad. Dwar il-punt ta Ordni jew kwestjonijiet ta privileġġ li jinqalgħu f'daqqa, forsi jkun aħjar li wieħed jemenda l-Ordni billi jgħid: Izda membru jista' jqum jitkellem biex iqanqal Punt ta' Ordni jew Kwestjoni ta' Privileġġ li tinqala dak il-ħin, jew biex jikkummenta dwar punt jew kwestjoni mqanqla meta msejjaħ mill-iSpeaker, jew minn min ikun jippresjedi.

L-iskop ta din l-emenda jkun li wieħed jevita li fuq punt ta' ordni jew kwestjoni ta privileġġ tqum diskussjoni fit-tul li tiddisturba x-xogħol tal-Kamra. Wieħed għandu jippresumi li fuq punt ta' ordni l-iSpeaker jisma' lil min iqajjem il-punt u lil xi ħadd li jikkummenta fuqu, u mbagħad, jew jagħti *ruling* immedjatament jew jirriserva li jagħmel hekk iktar tard, waqt li fuq kwestjoni ta privileġġ, illum li jeżisti Kumitat Permanenti *ad hoc,* wieħed jippresumi li kulma jagħmel l-iSpeaker huwa li jisma' biżżejjed biex jara għandux jirreferi l-materja lil dak il-Kumitat, jew iħallix għall-Kamra tiddeċiedi jekk dan għandux isir.

B`dan il-mod wieħed jittama li jnaqqas xi ftit id-dibattiti twal fuq dawn il-punti li jiddisturbaw mhux ftit l-andament programmat tal-Kamra.

**Artikolu** 49 Dan huwa artikolu importanti ħafna għaliex jistabbilixxi l-ħin li għandu għad-disposizzjoni tiegħu kull membru tal-Kamra. Ħafna kienu tal-fehma li erbgħin minuta fi kwalunkwe tip ta` diskussjoni u siegħa f`mozzjoni ta fiduċja, huma ħinijiet twal wisq, u l-Ordni jippresumi, li fuq il-biċċa l-kbira tal-kwestjonijiet ftit ikunu l-membri li jitkellmu. Għaliex għall-kuntrarju kieku kull membru jitkellem fuq kwalunkwe materja għal erbgħin minuta (salvi z-żminijiet itwal f`ċerti ċirkostanzi) il-Kamra ma tkunx tista' tagħmel dmirha bħala l-organu leġislativ u wisq inqas bħala wieħed li jissorvelja l-amministrazzjoni. Fil-*House of Commons* (ara Standing Order numru 47 fl-edizzjoni tal-1999) l-iSpeaker jista' jiddikjara li fuq xi materja sejjer iqassar il-ħin sa minimu ta` tmien minuti. Huwa rari fil-*House of Commons* li d-diskussjoni fuq it-tieni qari ta liġi tieħu iktar minn ġurnata. Min-naħa l-waħda d-dritt ta` kull deputat li jitkellem fuq xi materja, meta hekk iħoss li għandu jagħmel,jeħtieġ ikun salvagwardat. Min-naħa l-oħra xi programmazjoni jeħtieg li tiġi introdotta. Diversi gvernijiet f`dawn l-aħħar tletin sena, kellhom jirrikorru għal mozzjonijiet ta proċedura li jillimitaw il-ħin tad-diskussjoni. Ħafna drabi dan il-metodu kultant neċessarjissimu biex jissupera l-ostruzzjoniżmu, b`danakollu jħalli togħma ta repressjoni. Sarli suġġeriment li jkun għaqli li tiġi introdotta s-sistema li fuq it-tieni qari ta liġijiet, id-deputati li jixtiequ jitkellmu jagħtu isimhom minn qabel lill-iSkrivan tal-Kamra, biex b`hekk il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, meta jiltaqa', jkun jista' jipprogramma sewwa. Dan irid iġib miegħu naturalment, proċedura itwal ta' preavviż tal-mozzjoni tat-tieni qari. Iżda ċertament jekk wieħed jaħseb li hemm bzonn, fil-kaz li n-numru jkun sproporzjonat, illi jqassar il-ħin tal-interventi, allura ta bil-fors irid jipprovdi għal dan il-preavviż, kif ukoll iħalli diskrezzjoni lill-iSpeaker li jagħti l-kelma anki lil min ma jkunx ipprenota, jew lil min jiġi xprunat biex jitkellem minn intervent preċedenti, u wieħed ma jridx lanqas jinsa li jrid jiġi salvagwardat id-dritt li jitkellem, ta' deputat li fuq xi materja ma jkunx jaqbel man-naħa tiegħu, u li ma għandux jigi msikket minn xi ftehim li jkun sar bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

Nissugerixxi għalhekk illi t-test tal-Ordni Permanenti kif jidher illum jigi mmarkat bħala (1) u jiżdied dan it-tieni sub-artikolu:

(2)Meta jiġi ċirkolat fost il-membri tal-Kamra avviż li f'ġurnata determinata li tkun iktar minn gimgħatejn 'il boghod, ikun sejjer jitressaq it-tieni qari ta' xi liġi, il-Membru li jixtieq jitkellem dwarha għandu jirreġistra ismu mal-Iskrivan tal-Kamra fi żmien jumejn mill-avviż, u jekk in-numru ta dawk li jirreġistraw isimhom ikun iktar minn għaxra, il-Kumitat Permanenti tal-Kamra previst fl-Ordni Permanenti 120C jista' jiddiċiedi, b'maġġoranza,li jirrakkomanda lill-iSpeaker li jiddikjara li fid-diskussjoni dwar it-tieni qari ta dik il-liġi, il-ħin li jista' jdum jitkellem membru, jkun ta għoxrin flok erbgħin minuta, waqt li l-ħinijiet l-oħra msemmija fis-subartikolu (1) jibqgħu l-istess.

Izda l-iSpeaker jew il-President, jista' jgħajjat biex jitkellem membru li juri dan il-ħsieb, allavolja ma jkunx irreġistra ismu, meta jidhirlu li l-ħtiega li jintervjeni tkun inqalgħet waqt id-dibattitu.

Izda wkoll l-iSpeaker jew il-President, jista jagħti lil membru li jkun qieghed jitkellem ftit minuti iktar jekk jidhirlu li dan huwa meħtieg biex jikkonkludi l-argument.

**Artikoli 50, 51 u 52.** Dawn l-artikoli ma jidhirx li għandhom bżonn ta' tibdil.

**Artikoli 53, 54 u 55.** Dawn l-artikoli ma jidhirx li għandhom bżonn ta' tibdil.

**Artikolu 56.** Dan l-artikolu ma jidhirx li ħaqqu tibdil.

**Artikolu 57.** Dan l-artikolu ma jittrattax il-materja ta' l-antiċipazzjoni. Barra mill-irrilevanza u r-ripetizzjoni hemm mankanza oħra li Regolamenti ta Parlamenti oħra jipprevedu, li hija dik li wiehed jitkellem qabel il-waqt fuq materja li ser tkun diskussa mill-Kamra fi żmien qasir. Fil-*House of Commons* (ara *Standing Orders* 28 u 30) membru ma jistax jitkellem dwar materja li tkun ser tingieb quddiem il-Kamra fi zmien raġjonevoli, u membru ma jistax jitkellem fl-aġġornament dwar materji li għandhom bzonn ta' rimedju legislativ.

Fil-Parlament Malti qatt ma kien hemm restrizzjoni simili għar-rigward ta dak li jista' jitqajjem fl-aggornament, u fl-opinjoni tiegħi ikun żball li jsiru restrizzjonijiet simili. Min-naħa l-oħra jkun għaqli li r-regola tal-antiċipazzjoni, limitata, tkun miktuba. Nissuggerixxi din iż-żieda fl-artikolu:

L-iSpeaker jew il-President jista` wkoll jiġbed l-attenzjoni ta` membru li dwar materja li jkun qiegħed jitkellem fuqha, ser ikun hemm diskussjoni fil-Kamra, diġa avżata biex issir fi żmien qasir, u jordnalu li ma jantiċipax, iżda jħalli l-kummenti tiegħu għas-seduta meta dik il-materja tiġi diskussa.

**Artikolu 58** Jidher illi għandu jkun hemm xi kwalifiki għar-regola kif toħroġ minn dan l-Ordni Permanenti. Wieħed m` għandux iħalli lil maġġoranza d-dritt li timponi, dejjem, min għandu jinstema. Nissuggerixxi għalhekk li jizdied: Izda wkoll din il-mozzjoni ma tistax tigi milqugħa meta jkun sar ftehim bejn iż-żewg naħat tal-Kamra, li jkun ġie reġistrat, dwar is-sekwenza tad-diskorsi fuq mozzjoni partikolari.

**Artikolu 59.** Dan l-artikolu, li forsi jista jinkiteb aħjar, huwa maħsub biex jevita l-kliem ta` disrispett lejn il-Kap tal-Istat kif ukoll illi jintuża l-President biex tigi influwenzata l-Kamra fid-deliberazzjonijiet tagħha. Min-naħa l-waħda, kieku kellha titressaq riżoluzzjoni kif provdut fl-Artikolu 48 (3) (b), l-isem tal-President jeħtieg jissemma bil-fors, u meta tissemma r-rakkomandazzjoni tiegħu għal *Money* Bill, jew meta jinqraw il-messaġġi tiegħu, il-President ikun qiegħed neċessarjament jissemma biex jinfluwenza d-deliberazzjoni tal-Kamra. Bħala bazi wieħed irid imur lura lejn il-presunzjoni li l-President jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru u l-Kabinett tiegħu u għalhekk il-kritika m`għandix issir lill-President iżda lill-Ministri. Kien inqala` l-punt jekk jistax jiġi msemmi s-salarju tiegħu, fid-dibattitu dwar l-estimi ġenerali u ngħata "*ruling*" fin-negativ, għaliex is-salarju ma jiġix ivvutat kull sena fl-estimi iżda joħroġ in forza ta leġiżlazzjoni.

Nissuġġerixxi diċitura differenti għall-artikolu sħiħ hekk:

Ebda membru ma jista jagħmel kumment dwar xi att jew l-imġieba tal-President ta Malta jew dwar l-Aġent President, jekk mhux fuq risoluzzjoni kif mahsub fl-Artikolu 48 (3)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew fuq mozzjoni ta tiffhir fi tmiem il-ħatra tiegħu;

Ebda membru ma jista jsemmi l-opinjoni tal-President ta Malta jew tal-Aġent President, ħlief għar-rakkomandazzjoni kif provdut fl-artikolu 73 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew għal messaġġi tal-President imsemmija fl-artikoli 184,185 u 186 ta dawn l-Ordnijiet Permanenti.

Meta skond l-Ordnijiet Permanenti 187 u 189 jitressaq għad-diskussjoni indirizz rispettuż lil President, ebda membru ma jista' jsemmi l-President ta Malta jew l-Aġent President b'nuqqas ta qima.

**Artikoli 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 67 u 68.** Ma jidhirx li dawn l-artikoli għandhom jigu riveduti.

**Artikoli 69 u 70.** Ma jidhirx li dawn l-artikoli għandhom bżonn li jiġu mibdula.

**Artikoli 71.** Għad-dawl ta' dak li qiegħed jiġri attwalment u minn ċertu numru ta' snin 'il hawn, wieħed jissuġġerixxi illi minflok jibqgħu kif inhuma l-Ordnijiet Permanenti, u allura bil-ħtieġa ta mozzjoni ta proċedura speċjali kull sena, qabel il-*Budget Debates*, wieħed jirriforma l-Ordnijiet biex igibhom konformi mal-bżonnijiet. Huwa minnu li dejjem ikun hemm il-ħtiega ta' mozzjoni biex ikun hemm aġenda fissa fid-dibattiti dwar il-ministeri, mogħtija dati u ħinijiet partikolari, izda jekk l-Ordnijiet jiġu mibdula dan kollu jista' jiġi faċilitat u jitqassar iż-żmien.
Nissuġġerixxi għalhekk illi: l-ewwel zewg subartikoli jibqgħu kif inhuma, waqt illi fis-subartikolu (3) (a) jiżdiedu l-kliem: iżda f'dan l-intervall il-Kamra tista tikkonsidra materji oħra.
Mal-(b) jiżdiedu l-kliem: b'dan illi l-ewwel jum ikun imħolli għall-Opposizjoni, waqt li t-tieni jum ikun għall-Gvern.
Is-subartikolu (c) jigi mħassar u sostitwit b'dan li gej: (c) Għall-konsiderazzjoni ta'l-Estimi Generali mill-Kumitat ta Provvista, jingħataw daqstant ġranet, daqs kemm ikunu iddettaljati fi skeda

li tindika liema estimi ta liema ministeri għandhom jiġu ikkunsidrati f`dawk il-granet li jkunu fl-iskeda li tkun mehmuza mal-mozzjoni biex il-Kamra tmur fil-Kumitat ta provvista; iżda dawn il-ġranet qatt ma għandhom ikunu inqas minn sebat ijiem. Il-ġranet mogħtija ma jinkludux dawk li fihom ix-xogħol ta provvista ma jkunx imniżżel bħala l-ewwel Ordni tal-Ġurnata. Fuq mozzjoni, magħmula wara avviż, li tkun deċisa mingħajr emenda jew diskussjoni, jista' jingħata zmien izjed, ta` mhux iktar minn tlett ijiem , għax-xogħol ta provvista.
Is-subartikoli (d)(e)(f) għandhom jibqgħu kif inhuma, ħlief li kemm fis-subartikolu (e) kif ukoll fl-(f) il-ħin 9.p.m. ghandu jsir 9.30 p.m.
Għandu jizdied is-subartikolu (g): Fl-iskeda li biha jiġu indikati l-ġranet għad-diskussjoni tal-estimi tal-ministeri partikolari, jistgħu jigu indikati ukoll seduti tal-kumitat ta` provvista li jsiru fil-għodu jew fil-granet tal-Ħamis u tas-Sibt, u f`dan il-kaz isir biss dan ix-xogħol. Fil-ġranet u seduti indikati fl-iskjeda jistgħu jsiru mistoqsijiet izda ma jsirx diskors dwar l-aggornament. Meta l-kumitat jiltaqa fil-għodu is-seduta tibda fid-9.a.m. Il-mistoqsijiet jitwieġbu sad-9.30.a.m. u l-President għandu jqiegħed il-voti fit-12.30 p.m.

**L-artikoli 72, 73 u 74** għandhom jibqgħu kif inhuma.

**Fl-artikolu 75,** biex wieħed jevita kontestazzjonijiet fil-futur, billi kultant għal raġunijiet ta' safar jew assenzi momentanji ta' ministri jew kelliema ta`l-Opposizzjoni, ma jiġix segwit l-istess ordni fl-allokazzjoni ta granet, li jkun hemm fl-Estimi kif stampati, għandhom jiżdiedu l-kliem: inkluża fil-voti għad-diskussjoni f`dak il-jum.

**L-artikoli 76, 77, 78, 79, 80 u 81** ma jidhirx li għandhom bżonn ta emenda.

L-artikolu 82 jitkellem l-ewwel fuq riżoluzzjoni li trid titressaq biex tawtorizza l-għoti mill-Fond Konsolidat tad-dħul tal-flus jew tal-bilanċ tal-flus meħtieġa u li tordna lill-Ministru tal-Finanzi jew Ministru ieħor biex iressaq abbozz ta Liġi dwar Approprijazzjoni. Din il-proċedura hija antikwata u pedantika. Isservi biss biex jistgħu isiru numru ta' talbiet għall-votazzjoni.

Għandha siwi safejn taghti skop biex jerġa' jkun hemm diskussjoni ġenerali dwar il-politika tal-Gvern, li ċertament qatt ma tkun koperta biż-żejjed bid-diskussjonijiet fl-estimi, u biex ikun hemm l-opportunita' ħalli jitkellmu anki dawk id-deputati li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux tkellmu waqt id-diskussjoni ta'l-Estimi. F'dawn l-aħħar snin l-Opposizzjoni, kienet iffurmata minn liema partit kienet, fehmet illi kien iktar jaqbel li tutilizza l-ħin f'diskorsi ta kritika, izda naħseb li jkun utli li ssir emenda għat-tieni paragrafu ta dan l-artikolu, biex il-proċeduri jsiru iktar ħfief, u jingħata aktar żmien għad-dibattitu, waqt li jigi sottratt iż-żmien ta votazzjonijiet inutli.
Nissuggerixxi li jiżdied dan il-paragrafu:
Fil-ġurnata li fl-iskeda tkun indikata bħala dik li fiha jitressaq fit-tieni qari l-abbozz ta' liġi ta'l-Approprijazzjoni, ma jitweġbux mistoqsijiet u s-seduta tkun kollha meħuda mid-diskussjoni dwar it-tieni qari għar-rigward ta'l-ewwel sagħtejn, meta l-lspeaker iqiegħed il-materja għall-vot; dwar id-dettalji fil-kumitat iż-żmien kollu sad-9.30. p.m., meta l-President għandu jqiegħed il-materja għall-vot tal-Kumitat, u wara dan iħalli s-siggu. L-iSpeaker mbagħad għandu jqiegħed għal vot it-tielet qari. F'din is-seduta wkoll ma ssir ebda diskussjoni dwar il-mozzjoni ta'l-aġġornament. Fil-jum iddedikat għad-diskussjoni tal-Att ta'l-Approprijazzjoni, jistgħu jigu kkunsidrati rimedji għall-ilmenti u tista' ssir diskussjoni dwar il-politika ġenerali tal-Gvern, u l-ħin kollu, kemm tat-tieni qari kif ukoll fl-istadju tal-Kumitat għandu jinqasam bin-nofs bejn il-membri tal-Gvern u dawk ta' l-Opposizzjoni, iżda l-aħħar nofs siegħa tittieħed mill-membri tal-Gvern.

**Artikoli 83, 84, 85, 86, 87, 88 u 89,** li jittrattaw dwar il-mod kif isiru l-votazzjonijiet, ma jidhrux li għandhom jinbidlu.

**Artikoli 90, 91, 92, 93, 94 u 95.** Ma jidhirx li dawn l-artikoli għandhom bżonn ta' tibdil.

**Artikolu 96.** Gie sottomess illi dan l-artikolu kif emendat fl-1995, jirrestrinġi ż-żejjed il-liberta' u d-diskrezzjoni tal-Kamra li tista, flok tikkonsidra abbozz ta' ligi f'Kumitat tal-Kamra kollha, tirreferih lill-Kumitat Permanenti skond l-artikolu 120B.

Huwa għaqli li l-Kumitat tal-Kamra kollha jibqa' vestit esklusivament bil-funzjoni ta' Kumitat ta' Provvista fil-kontest ta'l-Estimi Generali. Din hija materja ta' essenza ta' Parlament illi permezz tal-provvista ta' mezzi jkun qiegħed juri l-fiduċja fl-esekuttiv responsabbli lejh. Kif inhu miktub dan l-Ordni Permanenti pero', qiegħed jeskludi r-referenza anki fil-kaz ta dawk l-abbozzi li huma biss inċidentalment "*money bills*", cioe' fis-sens biss li jistgħu jimplikaw xi nfieq futur u allura jeħtieġu r-rakkomandazzjoni tal-President ta Malta. Waqt li huwa għaqli li wiehed jibqa' jesiġi r-rakkomandazzjoni, għaliex din tfisser ražan fuq kull tentazzjoni ta awtorizazzjoni ta nfieq mingħajr kopertura, ma jidhirx li għandhom jiġu eskluzi mill-konsiderazzjoni ta Kumitat Permamenti partikolari, abbozzi li l-materja prinċipali li jkunu jirregolaw ma tkunx waħda finanzjarja. Nipproponi għalhekk li l-esklusjoni tiġi ċirkoskritta billi t-tieni paragrafu tas-subartikolu (1) jiġi jinqara hekk: Iżda ebda Abbozz ta' Liġi ma għandu jintbagħat quddiem Kumitat Magħzul jew Kumitat Permanenti kif imsemmi qabel, meta dak l-Abbozz ta Liġi jkun (I) jipprovdi għall-approprijazzjoni ta' flus mill-Kont Konsolidat; (II) jipprovdi li kull nefqa tkun spiza fuq il-Fond Konsolidat, mingħajr il-ħtiega ta' xi approprijazzjoni oħra min barra d-disposizzjonijiet ta' l-istess Att; (III) jimponi, iżid jew inaqqas xi taxxa; (IV) jaħfer xi dejn dovut lill-Kaxxa ta' Malta.

Fis-subartikolu (4) għandhom jitneħħew il-kliem kollu wara l-kelma Kostituzzjoni fit-tielet linja, sa u inkluza l-kelma " Kostituzzjoni " fil-ħames linja.

**Artikoli 97, 98, 99 u 100.** Ma jidhirx li hemm il-ħtiega ta' tibdil.

**Artikolu 101.** Jidher li jkun utli li tiġi ċċarata l-posizzjoni dwar klawsoli ġodda u t-tieni qari tagħhom. Ġieli giet mitluba spjegazzjoni dwar x'għandu jkun ifisser il-qari tan-nota marginali mill-Iskrivan: Ifisser li jkun sar l-ewwel qari, biex imbagħad l-emenda tista' tiġi proposta biex tinqara t-tieni darba? Ifisser li għandu jiġi interrott il-Kumitat biex jiġi diskuss il-prinċipju li jkun inkarnat f'dik il-klawsola miżjuda?

Naturalment fil-prattika, aktarx li ssir il-proposta formali, u l-kumitat jibqa' miexi. Iżda min-naħa l-waħda donnu ma hemmx garanziji biż-żejjed kontra s-sorpriżi, u kultant anki d-distribuzzjoni tat-test ta' klawsola ġdida ssir bil-għaġġla, u min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta' definizzjoni tal-materja, jista jkun hemm lok għal li jiġi sollevat Punt ta Ordni. Nissuġġerixxi, anki jekk wieħed jista' jqis dan bħala xi ftit pedantiku, illi l-Ordni Permanenti numru 101 jiġi jinqara hekk: Kif tiġi proposta klawsola ġdida fil-Kumitat, l-Iskrivan tal-Kamra għandu jaqra' n-nota marġinali tal-klawsola u din imbgħad titqies bħala li nqrat l-ewwel darba u kopja tal-klawsola ġdida tiġi mqassma u proposta li tinqara t-tieni darba, u d-diskussjoni dwarha, fil-Kumitat stess, tkun eżenti mill-provvediment tal-Ordni Permanenti preċedenti.

**Artikoli 100, 101, 102, 103, 104, 105 u 106.** Ma jidhirx li hemm bżonn li dawn jiġu emendati.

**Artikolu 107.** Fl-evoluzzjoni tal-ħajja Parlamentari hawn Malta, il-proċeduri ta' ftuh u għeluq ta' sessjonijiet ġew evitati għaliex meqjusa li jtellfu z-zmien inutilment. Dan l-artikolu jippresupponi illi s-sessjonijiet ikunu qosra u mhux, kif ġeneralment jiġri, sessjoni tkun twila diversi snin. Għalhekk ma jidhirx li llum hemm sens li dan l-Ordni Permanenti jinżamm, u nipproponi li jigi soppress darba għal dejjem, għaliex mhux ħaga rari li matul sessjoni ta' ħames snin, jinħass il-bzonn li jiġi introdott abbozz ta liġi tal-istess xorta, meta jkun hemm il-ħtieġa ta xi tibdil.

**Artikoli 108,109 u 110.** Ma jidhirx li dawn għandhom bżonn jinbidlu.

**Artikolu 111.** Dan l-artikolu donnu jidher li fih differenza sostanzjali minn dak li hemm maħsub fl-Ordni Permanenti numru 11. Fin-numru ħdax, hemm il-ħtiega li xi membru jiġbed l-attenzjoni ta min ikun qiegħed jippresjedi, mentri hawnhekk, fin-numru 111, in-nuqqas ta' quorum f'votazzjoni, minnu stess, u mingħajr il-ħtiega li xi ħadd jissollevah, iġib miegħu l-effett li min ikun jippresjedi jħalli postu, biex il-verifika ssir, mill-iSpeaker, fi zmien ħames minuti. Saru sottomissjonijiet fis-sens, illi l-verifika mill-iSpeaker ma hix verament neċessarja. Ġeneralment dan itellef iż-żmien inutilment.

**Artikolu 112.** Gie sottomess ukoll illi għandu jkun possibbli li malli jidħlu l-membri li generalment ikunu ftit sekondi 'l bogħod mis-sala, il-President tal-Kumitat tal-Kamra kollha jista jirriprendi anki qabel ma jkunu għaddew il-ħames minuti. Gie wkoll sottomess illi l-intervall massimu ta ħames minuti huwa qasir wisq għal meta jigu rikjamati deputati li jkunu niżlu isfel jew akkompanjaw xi uffiċjal jew xi ċittadin f'xi verifika.

Fl-artikolu kif redatt illum issir distinzjoni, mhux tant spjegabbli, bejn meta l-membri jkunu ħmistax fin-numru minn meta jkunu sittax. Fit-tieni kaz, il-Kamra fil-Kumitat tista tkompli tagħmel dak li kienet tagħmel, waqt li fl-ewwel kaz ikollha tgħaddi għal xogħol ieħor. Donnu li ma hemmx lok għal din id-distinzjoni, li fl-prattika ma niftakarx li qatt giet rilevata.

Nissuggerixxi illi **l-artikoli 111 u 112** jigu mibdula b'dan il-mod jekk,naturalment ma tittiħidx id-deċiżjoni li l-quorum jiġi radikalment modifikat:

**Artikolu 111.** Jekk xi membru prezenti jiġbed l-attenzjoni ta min ikun jippresjedi li fil-Kumitat ma hemmx quorum, min jippresjedi għandu jgħodd il-membri prezenti fisikament fil-Kamra, u jekk ma jirrisultax li hemm hmistax barra minnu, għandu jissospendi s-seduta u jordna li tindaqq il-qanpiena. Meta ħmistax il-membru jidħlu fis-sala huwa jista' jirriprendi u jkompli s-seduta fil-Kumitat, iżda jekk fi żmien tletin minuta ma jkunux daħlu fis-sala ħmistax il-Membru, l-iSpeaker għandu jieħu s-siġġu u jaġġorna l-Kamra għall-ġurnata li jmiss. Jekk meta ssir votazzjoni jirrisulta li kien hemm inqas minn hmistax il-membru, bih inkluż, min ikun jipprersjedi għandu jordna li l-votazzjoni terġa ssir wara għoxrin minuta, izda jekk qabel ma tibda l-votazzjoni ma jkunx hemm ħmistax il-membru, huwa għandu jħalli postu, u l-iSpeaker għandu jieħu s-siggu, u jaġġorna l-Kamra għas-seduta li jmiss.

**Artikolu 112 .** Meta jkun intalab quorum u ġie konstatat li hemm numru ta deputati iktar minn ħmistax, ma tistax tintalab kostatazzjoni ta quorum fil-istess seduta tal-Kumitat tal-Kamra kollha, salv għal dak li ntqal dwar in-nuqqas f'votazzjoni.

**Artikoli 113, 114, 115, 116, 117, 118, 119 u 120** ma jidhirx li hemm il-ħtiega li jinbidlu.

**Artikoli 120 A sa G.** Ma jidhirx li għandhom jigu disturbati għalissa, billi gew introdotti fl-1995, in ġenerali qegħdin jaħdmu sewwa, u wieħed ikun għaqli li jħalli ċertu zmien jgħaddi biex jiġu akkumulati iktar esperjenzi. Madankollu saru xi kummenti li wieħed jista' jsemmi anki issa. L-ewwel kumment sar fuq il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra. L-iskop li għalih twaqqaf dan il-Kumitat Permanenti, cioe' dak li x-xogħol tal-Kamra jiġi programmat u mqassam aħjar, mhux dejjem qed jinkiseb. Dan il-Kumitat kellu jkollu suċċess jekk ikun animat minn spirtu ta' kompromess u oġġettivita' dwar l-effiċjenza. Kultant it-trattativi ta' *do ut des*, jigu mqiegħda f'imbarazz bil-presenza ta' barranin. Kif inhu redatt l-Ordni Permanenti 137, biex il-pubbliku jiġi mwarrab trid issir talba f'dan is-sens, u aktarx li ħadd ma jħossu komdu li jagħmel talba simili. Gie suġġerit illi dan il-Kumitat jigi eżentat mill-provvedimenti ta' l-O.P. 137, iżda esklusjoni totali forsi ma hix f'postha. Suġġeriment ta min jikkonsidrah huwa dak li jkun hemm l-ewwel siegħa għal diskussjoni ħielsa u franka, mingħajr il-pubbliku, u mbgħad il-bqija tal-laqgħa tinfetaħ għall-ġurnalisti u l-pubbliku, li għandhom ċertament id-dritt li jkunu infurmati bir-risultat. It-tieni kumment sar dwar il-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi (O.P. 120 E), għaliex waqt li skond is-subartikoli (1) (d) u (e) id-Direttur tal-Verifika, Uffiċjal tal-Parlament, jista jintalab jagħmel memoranda jew jista' spontanjament jagħmel memoranda lil dan il-Kumitat, id-Direttur tal-Verifika ma hux protett bil-privileġġ dwar dawn il-memoranda, u kien hemm diġa fl-imgħoddi theddid ta' proċeduri gudizzjarji. Huwa għaqli li din il-protezzjoni tingħata jew permezz ta' emenda fl-Ordnijiet Permanenti jew aħjar fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi Parlamentari. B'dan il-mod id-Direttur tal-Verifika jkun iktar ħieles fil-kummenti li jagħmel, kif inhu ħieles u protett, kull deputat fil-Kamra jew fil-Kumitati tagħha. It-tielet kumment sar dwar il-kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali, fis-sens li għandu jkun vestit espliċitament bil-materji edukativi. Għalkemm dan sar darba b'deċisjoni *ad hoc*, jidher għaqli, minħabba l-importanza ta' dan is-settur, li l-iskrutinju fuqu ta dan il-Kumitat ma jkunx biss ta darba, jew b'mod straordinarju, izda regolari u kontinwu.

Meta kont għadni President kont bgħatt messaġġ formali lil-Kamra biex inħeġġiġha tirrimedja għal fatt li parti mill-Kodiċi Ċivili tagħna ġiet dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni. Qabli wkoll Awtorita` oħra kienet għamlet l-istess appell. B`danakollu il-posizzjoni sallum għadha l-istess. Donnu ħadd ma jħoss li għandu dmir partikolari biex jieħu l-inizjativa u jipproponi emendi biex jissanaw dan in-nuqqas. Hemm inkonsistenzi dikjarati oħra barra minn dak li għalih għamilt referenza għalih fil-messaġġ presidenzjali tiegħi. Intant ladarba l-liġi tibqa` kif inhi, tiġi invokata u jkun hemm Qrati li jħossu li għandhom japplikawha ( meta jiġu, fil-każ speċifiku, biex jagħmlu likwidazzjoni u divisjoni ta wirt) sakemm il-Parlament ma jibdilhiex. U kultant iċ-ċittadin ikollu jerġa jirrikorri għal rimedji fil-Qorti Kostituzzjonali. Li wara żmien jista` wkoll ikollha opinjoni diversa. Fil-verita`, fis-sistema tagħna l-uniku organu leġislattiv huwa l-Parlament, u liġi jew parti minn liġi li jiġu dikjarati kontrastanti mal-Kostituzzjoni ma jispiċċawx, ma jiġux imħassra, ħlief meta jiġu abrogati jew mibdula b`liġi oħra tal-Parlament. Jibqgħu jgħixu fi speċi ta limbu legali. Għalhekk naħseb li hu l-każ li nibdew nirrimedjaw għal dan il-*vacuum* ta individwazzjoni ta responsabbilta` speċifika. L-onorevoli Joseph Herrera, f`artikolu li kiteb f`ġurnal ta kuljum (*The Times* ta`l-4 ta Jannar 2001) issuġġerieli li nipproponi li jitwaqqaf Kumitat Permanenti *ad hoc* li jkollu r-responsabbilta` li jressaq emendi biex isewwu xi inkostituzzjonalita` dikjarata f`xi liġi mill-Qrati ta` Malta wara li sentenza tkun għaddiet in ġudikat. Jiena naħseb li dan is-suġġerimnt huwa għaqli u utli u nagħmlu għalhekk tiegħi ukoll. Fi Franza il-Kunsill ta`l-Istat għandu kompetenza, attribwita lilu mill-Kostituzzjoni stess, li jieħu ħsieb il-konformita` mal-Kostituzzjoni, tal-Liġijiet, saħansitra qabel ma jiġu mressqa quddiem l-Assemblea Nazzjonali. Kien ġie prospettat fil-Kumitat Magħżul li titwaqqaf f`pajjiżna forma tal-*Conseil d`Etat,* iżda diskussjoni ta dan it-tema ma tidħol għal kollox f`dan il-kontest. Naħseb li Kumitat Permanenti li jkollu l-obbligu li jressaq emendi biex isewwi kontrasti mal-Kostituzzjoni, dikjarati mill-Qrati b`sentenzi definitivi, ikun rimedju sodisfaċenti u faċilment jista jitwettaq.

Artikoli 121 sa 133 ma jidhirx li għandhom bżonn ta tibdil.

Artikolu 133A. Sar suggeriment fis-sens illi s-seduti tal-Kumitati Permanenti għandhom jiġu sospiżi fil-kaz li tindaqq il-qanpiena tal-quorum, bħalma s-subartikolu (4) jipprovdi fil-każ ta' vot fil-Kamra jew fil-Kumitat tal-Kamra kollha. Din hija l-prattika li qed tiġi segwita, iżda jista jkun li jaqbel li jiġi provdut illi dawk id-deputati li jkunu qegħdin jattendu Kumitati Permanenti tal-Kamra, għandhom jiġu magħduda bhala preżenti, meta min ikun qiegħed jippresjedi l-Kamra jew il-Kumitat tal-Kamra kollha jiġi biex jikkonstata hemmx quorum. Għadu jiġi nnutat illi l-konċett importanti huwa li deputat ikun għas-servizz tal-Kamra u ma hemmx dubbju li l-presenza f'Kumitat Permanenti hija "servizz" f'dan is-sens, lill-Kamra. Nipproponi għalhekk li wieħed jagħzel bejn dawn l-alternativi:

133A(5) Meta fil-Kamra jew fil-Kumitat tal-Kamra kollha jkun hemm sejħa għall-verifika tal-quorum, il-President ta' Kumitat Permanenti jew ta Kumitat Magħzul, għandu jissospendi l-proċeduri tal-Kumitat sakemm il-membri preżenti jkun jistgħu jmorru jintgħaddu fil-Kamra jew fil-Kumitat tal-Kamra kollha, u jirriprendi s-seduta meta jiġu lura u jerġa jkun hemm quorum fil-Kumitat Permanenti jew Kumitat Magħzul.

jew

133A(5) Il-membri ta Kumitat Permanenti jew ta Kumitat Magħzul li jkunu attwalment qegħdin jattendu dawn il-Kumitati għandhom jigu meqjusa bħala preżenti fil-Kamra għall-effetti ta' kull verifika tan-numru presenti skond l-Ordni Permanenti 11 u 110,111.

Artikoli 134, 135 u 136. Ma jidhirx li dawn l-artikoli għandhom bżonn ta' tibdil.

Artikolu 137. Ġie suġġerit illi barra minn dak li ntqal għar-rigward tal-Kumitat Permanenti dwar ix-xogħol tal-Kamra, anki l-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin, jista jkun għaqli li jiltaqa' mingħajr il-pubbliku u l-istampa, għal xi ħin.

Min-naħa l-oħra l-artikolu qiegħed iħalli dan fid-diskrezzjoni tal-Kumitat kollu, u dan jista' jkun ta tfixkil. Forsi jkun għaqli li wieħed iħalli din il-materja fid-diskrezzjoni tal-President ta' dak il-Kumitat. Wieħed jista' għalhekk izid ma dan l-Ordni Permanenti dan li ġej: Iżda l-President tal-Kumitat Permanenti tal-Affarijiet Barranin jista', meta jidhirlu li hekk ikun hemm bżonn fl-interess tas-Sigurta', jordna li xi parti partikolari ta seduta ta dak il-Kumitat issir mingħajr il-preżenza ta' persuni barranin.

**Artikoli minn 140 sa 150.** Ma jidhirx li dawn għandhom bżonn ta tibdil.

**Artikoli minn 151 sa 161.** Ma jidhirx li dawn għandhom bżonn ta' tibdil.

**Artikoli 162 u 163.** Ghalkemm ma hix materja li strettament tidħol fil-kompitu tiegħi inħoss li ma jkunx barra minn loku li nikkummenta fuq l-uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra. Żdied sewwa x-xogħol u hemm il-ħtieġa urġenti ta' iktar riżorsi umani. Hemm il-prinċipju wkoll tal-indipendenza ta dan l-uffiċċju mill-bqija tat-tmexxija tas-servizz civili. Jidhirli wkoll illi l-istess kariga ta Skrivan tal-Kamra, li hija kariga li għandha responsabbiltajiet kostituzzjonali u mhux semplicement amministrativi, jeħtieġ li tkun stabilita fuq bażi iktar konformi ma dawn ir-responsabbiltajiet.

**Artikolu 165.** Is-sentenza tal-aħħar hija partikolarment infeliċi. L-ewwelnett fuq bażi ta grammatika. Il-proposizzjoni "ebda" tieħu warajha s-singular: ebda barrani u mhux ebda barranin. Seta ntqal: il-barranin ma humiex ammessi bi dritt. It-tieni raġuni hija iktar politikament importanti:infatti ma nistgħux ngħidu li dawk li ma humiex membri tal-Kamra ma għandhomx id-dritt li jaraw x'inhu jiġri. Kif inhu miktub dan l-Ordni ma jirriflettix id-dritt li għandu l-elettorat, fil-ħsieb tallum, li jiskrutina dak li jsir mir-rappresentanti tiegħu l-ħin kollu. Kont nissuġġerixxi li jsir tibdil f dan is-sens:- neħħi l-aħħar sentenza u ssostitwixxi għaliha dan li gej: L-iSpeaker jew il-President tal-Kumitat jistgħu jordnaw li l-barranin jiġu eskluzi, meta dan ikun meħtieg biex jiġi ristabilit l-ordni, jew għaliex il-materja li tkun ser tigi diskussa, minħabba ragunijiet ta sigurta' interna jew esterna, hekk tkun teħtieg, jew għaliex il-Kamra tkun hekk iddeċidiet skond l-Ordni Permanenti numru 170.

**Artikoli minn 166 sa 169.** Ma jidhirx li hemm bżonn ta' xi tibdil.

**Artikolu 170.** Konformement ma dak li ntqal qabel jaqbel li l-aħħar parti,minn"izda" sa "sala" tigi mneħħija u naturalment l-ahhar punt u virgola ssir punt.

**Artikolu 171.** Minn ċertu numru ta snin `l hawn, fil-bidu tal-leġiżlatura qiegħda issir mozzjoni li tawtorizza lill-iSkrivan tal-Kamra biex jirrediġi l-minuti bil-Malti biss, flok bl-Ingliz u l-Malti. Ma jidhirx li hemm raguni għaliex il-minuti għandhom jinżammu biz-żewġ lingwi. Ta' min għalhekk jemenda dan l-Ordni Permanenti billi jneħħi l-kliem "bl-ilsien Ingliż u", fit-tieni linja.

**Artikoli 172 sa 176.** Ma jidhirx li hemm il-ħtiega ta' tibdil.

**It-titolu XVIII — indikat bhala "Ħruġ b`Liġi".** Jidhirli li l-kelma teknika li għandha tintuza hi "promulgazzjoni" għaliex tfisser, b`mod preċis u distintiv, il-pubblikazzjoni ta' liġi wara li jkun ingħatalha l-kunsens tal-President, waqt li l-kelma "hruġ" hi ġenerika. Il-kelma bl-Inglis "*Enactment*" hija, kif inhu sewwa, waħda teknika u speċifika.

**Artikoli 177, 178, 179 u 180.** Ma jidhirx li hemm il-ħhtiega ta' tibdil.

**Artikoli 181, 182 u 183.** Ma jidhirx li hemm il-ħtiega ta' tibdil.

**Artikoli 184 sa 196.** Ma jidhirx li hemm il-ħtiega ta' tibdil.

**Artikolu 197.** Naħseb li wasal il-waqt li wieħed jikkonsidra jekk dan l-artikolu għandux jiġi soppress, jekk ser nibqgħu bl-Ordnijiet Permanenti kif inhuma li issa tbiegħdu sew minn dawk tal-*House of Commons.* Mhux biss huwa diffiċli li tiġġustifika dan l-Ordni minħabba d-differenzi sostanzjali li llum jesistu bejn l-Ordnijiet Permanenti tagħna u dawk tal-Parlament tar-Renju Unit, imma wkoll kultant isiru referenzi, bis-saħħa ta dan l-Ordni, għall dak li huwa assolutament inapplikabbli fl-aħħar edizzzjonijiet ta Erskine May. Illum għandna biżżejjed każistika tagħna, biex ninterpretaw b`konsistenza l-Ordnijiet tagħna, u jekk ma jiġux segwiti ċerti sviluppi, ifisser li nibqgħu nimmudellaw rwieħna fuq dak li fejn twieled stess inħass obsolet.

Fil-Qosor qiegħed nipproponi dawn it-tibdiliet:-

1. Tibdila fit-tifsila tas-seduti eċċezzjonali tal-Parlament, billi flok jiġu ripetuti s-seduti fil-għodu, isiru seduti itwal.
2. Tibdila dwar il-mod kif jiġu ittrattati mozzjonijiet skond l-Ordni Permanenti numru 13.
3. Tibdila fit-tifsila tal-mod kif jinstemgħu l-interpellanzi u t-tweġibiet, billi jkun hemm ġranet dedikati għall-mistoqsijiet lill-Prim Ministru u lill-Ministri partikolari, u jitwessa' l-ispazju għall-mistoqsijiet supplimentari, indirizzati lejn il-Ministru proprju, li jkun iktar preparat.
4. Tibdila fil-mod kif issir l-aġenda, li tkun iktar programmata fil-ħin, billi jkun hemm pre-avvis dwar min sejjer jitkellem, u ftehim dwar it-tul tad-dibattiti.
5. Tibdila dwar id-dritt tal-opposizzjoni u l-membri li ma jiffurmax parti mill-Eżekuttiv, li jiffissaw l-aġenda ta għoxrin seduta kull sena.
6. Tibdila dwar il-ħin u l-mod kif jiġi konstatat il-*quorum*, billi l-ħin isir nofs siegħa, li pero' ma hemmx għalfejn tittieħed kollha, għaliex is-seduta tirriprendi malli jintlaħaq il-*quorum*. Alternattivament tibdila iktar radikali bit-tneħħija tal-*quorum* matul is-seduta waqt li jinżamm biss għall-ħin tal-votazzjoni.
7. Tibdila fis-sens li l-membri li jkunu jattendu fil-Kumitati Permanenti tal-Kamra jitqiesu għall-finijiet ta'l-għadd tal-quorum bħala preżenti fil-Kamra.
8. Tibdila fis-sens li jkun hemm Kumitat Permanenti ieħor li jkollu l-bbligu li jipproponi tibdil biex ikun hemm konformita' mal-Kostituzzjoni.
9. Tibdliet minuri dwar l-aġenda tal-Estimi.

Dan kollu soġġett għal dak li jidhrilhom il-membri tal-Kamra, li naturalment huma l-aħjar persuni biex jiddiċiedu x'għandu jsir.

Għoddni dejjem tiegħek,

Ugo Mifsud Bonnici

Ugo Mifsud Bonnici.

# Appendiċi

Silta mid-diskors tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno 1997

Silta mid-diskors tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno 1998

Kopja ta' pagna rilevanti mill-ktieb ta' l-1999 li jistampa l-iStanding Orders tal-House of Commons.

Kopja ta' paġna rilevanti mill-ktieb ta' l-1999 li jistampa l-*Standing Orders* tal-*House of Commons*



her decision, successively to rise in their places; and she shall thereupon, as she thinks fit, either declare the determination of the House or committee, or name tellers for a division.

Quorum.

**41.**—(1) If it should appear that fewer than forty Members (including the occupant of the chair and the tellers) have taken part in a division, the business under consideration shall stand over until the next sitting of the House and the next business shall be taken.

(2) The House shall not be counted at any time.

*Order in the House*

Irrelevance or repetition.

**42.** The Speaker, or the chairman, after having called the attention of the House, or of the committee, to the conduct of a Member who persists in irrelevance, or tedious repetition either of his own argument or of the arguments used by other Members in debate, may direct him to discontinue his speech.

Disorderly conduct.

**43.** The Speaker, or the chairman, shall order any Member or Members whose conduct is grossly disorderly to withdraw immediately from the House during the remainder of that day's sitting; and the Serjeant at Arms shall act on such orders as he may receive from the chair in pursuance of this order. But if on any occasion the Speaker, or the chairman, deems that her powers under the previous provisions of this order are inadequate, she may name such Member or Members, in which event the same procedure shall be followed as is prescribed by Standing Order No. 44 (Order in debate).

Silta mid-diskors tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno 1997

Il-Parlament Malti huwa magħmul minn Gvern u Oppożizzjoni li għal dawn l-aħħar tletin sena kienu ġejjin miż-żewġ partiti politiċi prinċipali. Id-deputat indipendenti minn rabtiet partiġġjani, huwa fenominu li ma tantx esperjenzajnih. Aktar ma l-Gvern ikollu maġġoranza ta' siġġijiet parlamentari aktar għandu s-saħħa biex iwettaq il-programm leġislattiv tiegħu. Għaliex fil-prattika, għalkemm teżisti l-fakulta' li kull membru parlamentari jipproponi leġislazzjoni, huwa l-gvern illi normalment jinizja leġislazzjoni u dan għaliex għandu s-saħħa numerika biex jgħaddiha. Din is-saħħa numerika l-Gvern jista' wkoll jutilizzaha biex jgħaddi mill-Parlament mozzjonijiet ta' proċedura intiżi biex iwarrbu r-regoli tal-Kamra, speċjalment f'każijiet fejn il-Gvern ikun jidhirlu li l-Oppożizzjoni tkun teċċedi l-limiti ta' skrutinju jew ukoll minħabba esiġenzi oħra. L-Oppożizzjoni min-naħa l-oħra tista' taġixxi b'mod illi tiġi nterpretata mill-Gvern illi qiegħda ixxekkel. Żgur li m'huwiex desiderabbli bl-ebda mod li parlament jitmexxa bl-impożizzjoni tal-maġġoranza u bit-tixkil tal-minoranza, speċjalment minħabba l-fatt illi f'pajjiżna nħossni kburija li ngħid, illi lħaqna biżżejjed *consensus* fuq ċerti materji, u anke f'din il-leġislatura wkoll diġa' kellna liġijiet illi għaddew bil-kunsens tal-Parlament kollu.

Għalhekk jidher illi għandna ukoll il-maturita' demokratika meħtieġa biex flimkien nirregolaw kif ser nittrattaw u niddiskutu dawk il-ħwejjeġ illi mhux faċli naqblu dwarhom. Il-koperazzjoni bejn Gvern u Oppożizzjoni fir-regolar tax-xogħol tal-Kamra hija neċessita' demokratika, prattika, li tmur lil 'hinn minn demokrazija fis-sens riġidu ta' maġġoranza u ta' minoranza li ttendi li ssir maġġoranza, iżda li timxi bl-aċċettazzjoni tal-prinċipju bażiku illi l-poplu huwa sovran, illi l-ġid tal-poplu jiġi l-ewwel, bil-flessibilita' illi dan il-prinċipju pjuttost iġib miegħu fl-implimentazzjoni prattika tiegħu minn żmien għal żmien.

Fl-aħħar mill-aħħar l-infurzar tal-liġijiet li jsiru fil-Parlament jiddependi ħafna fuq kemm ikunu aċċettati minn dawk li jintlaqtu

Silta mid-diskors tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno 1998

jikkonsidra l-veduti ta' l-Oppożizzjoni għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern huwa l-Gvern tal-poplu kollu kemm hu. U f'dan il-kontest nistaqsi jekk wasalx iż-żmien biex anke nikkonsidraw jekk għandniex neżaminaw mill-ġdid l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ħalli kif isir f'parlamenti oħra, jiddaħħal il-konċett li għandu jkun hemm numru ta' seduti speċifikament allokati għal xogħol ta' l-Oppożizzjoni, u dan peress illi sal-lum l-Ordnijiet Permanenti tagħna jkopru biss *public business* u *private members' business* u ma jirrikonoxxux ir-rwol kollettiv ta' dawk il-membri li jagħżlu li jiffurmaw l-Oppożizzjoni.